

Brussell, 2 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11471/26

CULT 92
AUDIO 92
SOC 477
SUSTDEV 57
SAN 568
EDUC 322

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 337 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar il-Pjan ta' Hídma tal-UE għall-Kultura 2023-2026

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 337 final.

Mehmuż: COM(2026) 337 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2026
COM(2026) 337 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026

Werrej

1. INTRODUZZJONI	2
2. KUNTEST	2
3. PJAN TA' ĦIDMA – RIŻULTATI EWLENIN TAL-ISTĦARRIĠ	3
3.1. Feedback ġenerali dwar il-pjan ta' ħidma	4
3.2. Osservazzjonijiet dwar il-metodi ta' ħidma	4
4. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-ĦIDMA MWETTQA	5
4.1. Prijorità (a) Artisti u professjonisti kulturali: insaħħu s-setturi kulturali u kreattivi	5
4.2. Prijorità (b) Kultura għan-nies: intejbu l-parteċipazzjoni kulturali u r-rwol tal-kultura fis-soċjetà	10
4.3. Prijorità (c) Kultura għall-pjaneta: nisfruttaw il-qawwa tal-kultura	14
4.4. Prijorità d) Il-kultura għal sħubijiet kokreattivi: insaħħu d-dimensjoni kulturali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE	17
5. INĦARSU 'L QUDDIEM: IL-PJAN TA' ĦIDMA GĦALL-KULTURA LI JMISS	19
ANNESS	22

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-PJAN TA' ĦIDMA TAL-UE GĦALL-KULTURA 2023-2026

1. INTRODUZZJONI

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026¹ tiddekrivi l-prijoritajiet għall-kooperazzjoni politika, implimentati permezz ta' kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Presidenzi tal-Kunsill. Ir-Riżoluzzjoni tistieden lill-Kummissjoni tadotta rapport ta' implimentazzjoni finali, ibbażat fuq kontribuzzjonijiet volontarji bil-miktub mill-Istati Membri, sa Ġunju 2026.

Dan ir-rapport jivvaluta l-progress li sar minn Jannar 2023, jenfasizza l-kisbiet ewlenin u jidentifika prijoritajiet futuri lil hinn mill-2026 biex jinforma d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar il-pjan ta' ħidma li jmiss. Filwaqt li huwa komprensiv, ma jkoprix l-inizjattivi tal-politika kulturali tal-UE li ma humiex relatati mat-temi tal-pjan ta' ħidma.

Sabiex theggi r-rapport, il-Kummissjoni wettqet sħarriġ immirat fost l-Istati Membri (mit-3 ta' Frar sad-19 ta' Marzu 2026). Dan involva l-ġbir ta' data dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma u l-kontribut għat-tfassil tal-politika nazzjonali, l-adekwatezza tal-metodi ta' ħidma tiegħu u l-prijoritajiet għaċ-ċiklu li jmiss². Is-sejbiet tal-isħarriġ huma murija fl-Anness 1. Il-valutazzjoni tibbaża wkoll fuq il-ħidma tal-Kummissjoni, l-iskambji ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE u d-djalogu mas-setturi kulturali u kreattivi.

2. KUNTEST

Matul dan l-aħħar deċennju, l-azzjoni politika tal-UE fil-qasam tal-kultura kienet iggwidata mill-Aġendi Ewropej għall-Kultura tal-Kummissjoni³, mill-Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali⁴, mill-Komunikazzjoni Konġunta "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali"⁵, u, sa mill-2002, mill-pjanijiet ta' ħidma pluriennali tal-Kunsill għall-kultura.

Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 ġie fformulat b'rispons għal erba' żviluppi ewlenin li kellhom impatt sinifikanti fuq ix-xenarju kulturali tal-Ewropa.

- *Il-pandemija tal-COVID-19*. Din esponiet vulnerabbiltajiet strutturali fis-setturi kulturali u kreattivi, inkluż, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet prekarji tal-impjeg tal-artisti, protezzjoni soċjali inadegwata, u d-distakk diġitali fil-parteċipazzjoni kulturali.
- *L-invażjoni illegali fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja*. Din heddet direttament il-wirt, l-artisti u l-professjonisti kulturali Ukreni. Użat ukoll il-kultura bħala arma, u b'hekk imminat il-valuri fundamentali tal-UE. Barra minn hekk, enfasizzat ir-rwol kritiku li għandha l-kultura fir-reżiljenza tas-soċjetà u fir-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt. Issottolinjat ukoll l-importanza mhux biss tal-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, iżda wkoll, b'mod aktar ġenerali, il-kooperazzjoni kulturali bħala dimensjoni ewlenija tas-solidarjetà tal-UE.
- *It-trasformazzjoni diġitali rapida, aċċellerata bl-IA ġenerattiva*. Din ħolqot kemm opportunitajiet għas-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll sfidi għar-remunerazzjoni tal-kreaturi u għall-protezzjoni tal-proprietà intellettuali. Għandha wkoll implikazzjonijiet għad-diversità kulturali u għall-iskopribbiltà tal-kontenut Ewropew online.
- *L-emerġenza klimatika u l-kriżi tal-enerġija li qed jeskalaw*. Dawn enfasizzaw il-vulnerabbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi għat-theddid ambjentali filwaqt li poġġewhom

¹ [Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026](#)

² Is-sejbiet preliminari mill-analiżi tal-isħarriġ ġew ippreżentati lill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali fi Brussell fis-27 ta' Marzu 2026.

³ Il-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar [Aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata](#) u dwar [Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura](#)

⁴ [Qafas Ewropew għall-azzjoni dwar il-wirt kulturali](#)

⁵ [Komunikazzjoni konġunta Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali](#)

ukoll bħala atturi strateġiċi ewlenin fl-avvanz lejn l-oġġettivi ta' sostenibbiltà. Fl-istess ħin, il-kriżi tal-enerġija enfazzjat l-urġenza tat-tranżizzjoni lejn prattiki sostenibbli fl-oqsma kollha, inkluż il-kultura.

Fost dawn l-isfidi, is-setturi kulturali u kreattivi qed iħabbtu wiċċhom ma' tensjonijiet finanzjarji sinifikanti. Dawn il-kwistjonijiet multidimensjonali poġġew domandi bla preċedent fuq ir-riżorsi, u dan wassal biex is-setturi jaġġustaw il-mudelli operazzjonali u jsibu soluzzjonijiet innovattivi biex jibnu r-reżiljenza.

Il-programm Ewropa Kreattiva ġie mmobilizzat biex iwieġeb għall-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura bil-programmi ta' ħidma annwali tiegħu ilhom jappoġġaw inizjattivi ewlenin mill-2024. Il-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma ġew inkorporati fis-sejthiet ewlenin għall-proposti: sejħa annwali għal kooperazzjoni kulturali; sejthiet għal networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi u pjattaformi Ewropej għal artisti emerġenti – dawn wasslu għall-għażla ta' 39 network u 19-il pjattaforma li jimplimentaw pakketti ta' ħidma u attivitajiet li jikkontribwixxu direttament għall-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma.

Fil-livell istituzzjonali tal-UE, il-perjodu mill-2024 kien ikkaratterizzat mill-bidu ta' mandati ġodda għall-Parlament Ewropew u għall-Kummissjoni Ewropea. Il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni⁶ u l-aġenda strateġika l-ġdida tal-Kunsill Ewropew⁷ jistabbilixxu d-direzzjoni ġenerali għall-azzjoni tal-UE. Dan huwa fi sfond ta' tensjonijiet ġeopolitiċi globali akbar, theddid dejjem akbar għall-valuri demokratiċi, swieq dejjem aktar volatili – b'riperkussjonijiet għall-ekonomija tal-Ewropa – u ż-żieda rapida tal-intelliġenza artifiċjali. Dawn l-oqfsa strateġiċi jagħmlu enfasi qawwija fuq id-demokrazija, ir-reżiljenza, il-prosperità, il-kompetittività, is-sigurtà u r-rwol globali tal-UE.

Bi tweġiba għall-istedina tal-Kunsill u għas-sejthiet mill-Parlament Ewropew u mill-partijiet ikkonċernati, fl-ewwel sena tal-mandat il-ġdid tagħha, il-Kummissjoni ppreżentat qafas strateġiku ġdid tal-UE għall-kultura – il-**Boxxla Kulturali għall-Ewropa**⁸ (Novembru 2025). Dan jartikola viżjoni li tpoġġi l-kultura fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tal-UE u jallinja l-politika kulturali mal-prijoritajiet politiċi usa' tal-UE. Il-Boxxla tgħin lis-setturi kulturali u kreattivi tal-Ewropa jirnexxu, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment. Dan tagħmlu billi tiffoka fuq oqsma ewlenin, inkluż il-libertà artistika, l-aċċess għall-kultura, il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-setturi kulturali u kreattivi, ir-reżiljenza, il-kompetittività, l-adattament għall-IA u r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali.

Il-Boxxla Kulturali tallinja mal-proposta tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u hija msaħħa ulterjorment permezz tagħha, b'mod partikolari l-programm propost AgoraEU, flimkien ma' strumenti oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jindika l-intenzjoni li jiżdied l-investiment tal-UE fil-kultura.

Mil-lat regolatorju, il-leġiżlazzjoni diġitali importanti adottata mill-2022 kellha implikazzjonijiet wesgħin fis-setturi kollha, inkluż il-kultura, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) u l-Att dwar l-IA. F'livelli differenti u fl-ambitu tagħhom, dawn jikkontribwixxu għat-tiswir ta' ambjent diġitali aktar sikur, aktar trasparenti u aktar ġust. Huma ta' benefiċċju wkoll għall-industrija kulturali u kreattivi u għad-drittijiet tal-kreaturi.

Fil-livell multilaterali, il-kultura kisbet prominenza f'fora bħall-G7⁹, il-G20¹⁰, u l-UNESCO¹¹, fejn mhux biss hija rikonoxxuta bħala prijorità importanti fiha nnifisha, iżda wkoll bħala faċilitatur trażversali tad-demokrazija, tal-koeżjoni, tal-kompetittività u tal-pożizzjoni globali tal-Ewropa.

3. PJAN TA' ĦIDMA – RIŻULTATI EWLENIN TAL-ISTĦARRIĠ

Il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 kompli jkun strument ewlieni li jiggwida l-kooperazzjoni politika bejn l-Istati Membri fil-livell tal-UE. Dan jistabbilixxi prinċipji ta' gwida,

⁶ [Linji Gwida Politiċi 2024-2029 | Il-Kummissjoni Ewropea](#)

⁷ [Strategic Aġenda 2024-2029](#)

⁸ [Culture Compass for Europe - Culture and Creativity](#)

⁹ [2024 Italy](#)

¹⁰ [2023 India](#), [2024 Brażil](#), [2025 South Africa](#)

¹¹ [MONDIACULT Declaration 2022](#) u [MONDIACULT 2025 Outcome Document](#)

erba' prijoritajiet ġenerali¹² u 21 azzjoni tematika. Kienu tfasslu diversi azzjonijiet biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kontinwità tal-politika mal-pjan ta' ħidma preċedenti (2019-2022). Il-valutazzjoni li ġejja hija bbażata fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri għall-istħarriġ, inkluż kemm mistoqsijiet ikklassifikati kif ukoll mistoqsijiet bi spazji miftuħa riservati għal test.

3.1. Feedback ġenerali dwar il-pjan ta' ħidma

L-Istati Membri¹³ vvalutaw b'mod pożittiv il-pjan ta' ħidma bħala qafas rilevanti u strateġiku biex tiġi ggwidata l-kooperazzjoni kulturali Ewropea. L-aktar ftehim b'saħħtu kkonċerna l-prijoritajiet ġenerali tal-pjan ta' hidma¹², b'maġġoranza ċara taqbel bis-siġh li dawn kienu xierqa. Fir-rigward tal-21 tema, filwaqt li r-rispondenti fil-biċċa l-kbira qablu li dawn kienu rilevanti, ħafna indikaw li dawn setgħu jiġu rfinati aktar.

L-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma fil-biċċa l-kbira ssodisfat l-aspettattivi tal-Istati Membri. F'termini tal-impatt tal-politika, ir-rispondenti tal-istħarriġ qablu li l-pjan ta' ħidma influwenza l-oqsma eżistenti tat-tfassil tal-politika kulturali nazzjonali u wessa' l-aġendi ta' politika biex jiġu inklużi suġġetti ġodda. It-tweġibiet kwalitattivi kkonfermaw li l-outputs, bħar-rapporti tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) u bħall-attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, appoġġaw tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, kooperazzjoni interministerjali msaħħa, u strateġiji nazzjonali informati – pereżempju, f'oqsma bħall-kultura u s-saħħa, is-sostenibbiltà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti.

Il-pjan ta' ħidma kkontribwixxa wkoll għat-tisħiħ tar-rikonoxximent tal-kultura fl-oqsma ta' politika kollha, b'maġġoranza kbira ta' rispondenti jaqblu li saħħaħ ir-rwol tal-kultura f'setturi oħra. Madankollu, din il-kontribuzzjoni kienet ivvalutata aktar ta' spiss bħala ftehim parzjali aktar milli siġh, u dan jirrifletti l-isfidi li għaddejjin biex tinkiseb integrazzjoni transsettorjali aktar profonda.

Minkejja dawn is-sejbiet pożittivi, ġew innotati xi limitazzjonijiet. L-Istati Membri enfasizzaw it-trasformazzjoni mhux uniformi tal-prijoritajiet tal-UE f'eżiti nazzjonali konkreti. Huma semmew kwistjonijiet rikorrenti, bħal viżibbiltà limitata u segwitu tal-azzjonijiet, enfasi insuffiċjenti fuq l-implimentazzjoni, u l-ħtieġa għal konsistenza akbar bejn l-istrumenti. Diversi tweġibiet enfasizzaw ukoll l-importanza li jinżamm pjan ta' ħidma f'fokk bi prijoritajiet ċari u b'valur miżjud tanġibbli.

3.2. Osservazzjonijiet dwar il-metodi ta' ħidma

L-istrumenti tal-pjan ta' ħidma tqiesu b'mod wiesa' bħala xierqa biex jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika, bil-gruppi tal-MMK jirċievu klassifikazzjonijiet partikolarment għoljin u li jispikkaw bħala l-aktar għodda ta' kooperazzjoni effettiva. Il-feedback kwalitattiv enfasizza l-valur miżjud qawwi tal-gruppi tal-MMK biex jippermettu l-apprendiment bejn il-pari, l-iskambju tal-għarfien, u l-iżvilupp ta' outputs rilevanti għall-politika, filwaqt li jinbnew ukoll networks ta' esperti dejjema madwar l-Istati Membri. Il-gruppi tal-MMK tqiesu l-aktar effettivi meta kellhom mandati ċari, suġġetti ffokati biżżejjed, u outputs direttament marbuta mal-implimentazzjoni u mal-istrumenti ta' politika u ta' finanzjament. Madankollu, l-isfidi identifikati mir-rispondenti inkludew mandati wesgħin iżżejjed, ammont kbir ta' xogħol (inkluż piż amministrattiv), u diffikultajiet biex tiġi żgurata parteċipazzjoni transsettorjali. Xi rispondenti nnotaw ukoll inkonsistenzi fl-organizzazzjoni, inkluż għadd mhux uniformi ta' laqgħat u dewmien fit-twassil tal-outputs.

L-attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari¹⁴ kienu apprezzati ħafna biex jiġu pprovduti approċċi prattiċi u trasferibbli u biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali. Bl-istess mod, il-workshops tqiesu tajjeb, għalkemm kemxejn inqas, bl-effettività tagħhom tiddependi fuq l-enfasi u s-

¹² (a) Artisti u professjonisti kulturali: l-għoti tas-setgħa lis-setturi kulturali u kreattivi, (b) Kultura għan-nies: it-tisħiħ tal-parteeipazzjoni kulturali u r-rwol tal-kultura fis-soċjetà, (c) Kultura għall-pjaneta: l-isfruttar tal-poter tal-kultura, (d) Kultura għal sħubijiet koreattivi: it-tisħiħ tad-dimensjoni kulturali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

¹³ L-istħarriġ ġie mwieġeb minn 26 Stat Membru tal-UE.

¹⁴ Fir-rigward tal-azzjonijiet tal-pjan ta' ħidma li ġejjin: "Il-kultura u l-promozzjoni tad-demokrazija: lejn ċittadinanza kulturali fl-Ewropa"; "Is-salvagwardja tal-patrimonju minn diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem"; "Il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u t-tisħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi lokali fl-Ukraina".

segwitu tagħhom.

Strumenti oħrajn irċewew valutazzjonijiet aktar imħallta. Il-laqgħat tal-gruppi ta' riflessjoni u l-eżerċizzji ta' rendikont kisbu inqas appoġġ, b'dawn tal-aħħar spiss deskritti bħala ta' piż sproporzjonat meta mqabbla mal-valur miżjud tagħhom. B'mod ġenerali, il-gruppi ta' esperti mmexxija mill-Kummissjoni tqiesu b'mod pożittiv.

Fil-metodi ta' ħidma kollha, l-Istati Membri talbu b'mod konsistenti għal titjib fis-segwitu u l-implimentazzjoni. Dawn inkludew rabtiet aktar ċari bejn id-diskussjonijiet u l-eżiti konkreti, disseminazzjoni aħjar tar-riżultati, u outputs aktar konċiżi u aċċessibbli. Kien hemm ukoll appoġġ qawwi għall-espansjoni ta' formati ta' parteċipazzjoni ibridi u għall-iżgurar ta' riżorsi adegwati għall-interazzjoni. L-attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari ġew enfasizzati speċifikament bħala format li jista' jintuża b'mod aktar estensiv.

B'mod ġenerali, filwaqt li l-metodi ta' ħidma huma meqjusa b'mod wiesa' bħala rilevanti u utli, l-effettività tagħhom tista' tissaħħaħ ulterjorment permezz ta' ffukar aktar immirat, koordinazzjoni mtejba, u enfasi akbar fuq it-trasformazzjoni tal-outputs f'riżultati ta' politika tanġibbli.

4. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-ĦIDMA MWETTQA

Dan il-kapitolu jiddeskrivi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma taħt kull prijorità u fil-21 azzjoni tematika tiegħu, filwaqt li jivvaluta l-progress u l-outputs ewlenin. Jagħti wkoll eżempji ta' azzjonijiet relatati meħuda fil-livell tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, l-azzjonijiet ġew implimentati kif ippjanat, filwaqt li saru meħtieġa xi aġġustamenti minħabba l-għadd għoli ta' outputs ippjanati u fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku u politiku diffiċli.

4.1. Prijorità (a) Artisti u professjonisti kulturali: insaħħu s-setturi kulturali u kreattivi

1) L-istatus u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' artisti u professjonisti kulturali u kreattivi

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti baqgħu prijorità soda fuq l-aġenda tal-UE, indirizzata permezz tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura, id-dibattiti ministerjali, ir-rapport fuq inizzjattiva proprja tal-Parlament Ewropew¹⁵ u l-ħidma kollaborattiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Sa minn tmien l-2025, dan issaħħaħ ulterjorment permezz tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

Il-Kummissjoni ffaċilitat grupp ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK), li jinkludi esperti mill-ministeri għall-kultura u għall-impjiegi/għall-affarijiet soċjali tas-27 Stat Membru tal-UE. Il-grupp eżamina firxa ta' suġġetti pertinenti – inkluż l-istatus tal-artisti u s-sigurtà soċjali, il-prattiki ġusti, il-ħiliet u l-apprendiment tul il-ħajja u l-libertà artistika – u ħareġ ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'Lulju 2023¹⁶. Abbażi tas-sejbiet tiegħu, it-taqsimha "This is How We Work" tnediet fuq il-pjattaforma CreativesUnite¹⁷, li toffri informazzjoni fattwali u data komparattiva dwar l-oqfsa legali tal-Istati Membri, inkluż dwar is-sigurtà soċjali u r-relazzjonijiet tax-xogħol.

Rakkomandazzjoni ewlenija tal-grupp tal-MMK kienet li "jiġi stabbilit qafas tal-UE għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u tal-professjonisti kreattivi". F'Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva fuq inizzjattiva proprja li titlob qafas ta' dan it-tip.

F'Mejju 2024, il-Presidenza Belġjana ospitat seminar dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti, filwaqt li l-Kummissjoni organizzat workshop tekniku mal-grupp tal-MMK. Sadanittant, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) organizzat seminar dwar ix-xogħol mhux iddikjarat fis-settur kulturali u ppubblikat rapport¹⁸. Il-Kumitat ta' Spetturi Għolja tax-Xogħol (SLIC) nieda investigazzjoni dwar

¹⁵ [2022/2047\(INI\)](#)

¹⁶ [The status and working conditions of artists and cultural and creative professionals – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

¹⁷ <https://creativesunite.eu/work-condition/>

¹⁸ [Creative sectors: ELA study reveals precarious working conditions and undeclared labour | European Labour Authority](#)

kwistjonijiet potenzjali relatati mal-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (rapport adottat f'Novembru 2025). F'Ġunju 2024, in-network "MoveS" ifffinanzjat mill-UE (iffokat fuq il-moviment liberu u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali) organizza webinar dwar "Labour mobility and social security challenges for artists". F'Ottubru 2024, il-Kummissjoni se jhet laqgħa konġunta tas-sħab soċjali fis-setturi awdjoviżivi u tal-ispettakli live biex jiġu identifikati lakuni fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-impjegi tal-artisti u tal-professjonisti kulturali. F'Novembru 2024, id-Diretturi Ġenerali għar-Relazzjonijiet Industrijali (l-uffiċjali tal-liġi tax-xogħol tal-Istati Membri) iddiskutew l-isfidi tal-implimentazzjoni tal-liġi tax-xogħol, filwaqt li ffokaw fuq l-istatus tal-artist u l-iskambju ta' prattiki nazzjonali.

F'Mejju 2025, il-Kummissjoni organizza seminar ta' apprendiment reċiproku dwar il-protezzjoni soċjali għall-artisti u għall-professjonisti kulturali, li laqqa' flimkien is-servizzi tas-sigurtà soċjali u l-ministeri għall-kultura tal-Istati Membri, u sussegwentement ħarġet rapport¹⁹. Fl-istess xahar, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażaġħ u għall-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom²⁰, b'enfasi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, il-ħiliet kummerċjali limitati u l-paga ġusta. Il-konklużjonijiet jappellaw għall-"promozzjoni ta' kundizzjonijiet xierqa għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali ta' artisti żgħażaġħ u ta' professjonisti kulturali u kreattivi".

F'Diċembru 2025, bi tweġiba għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ospitat diskussjoni madwar mejda ta' livell għoli mal-partijiet ikkonċernati dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti. Dan ġie segwit, fi Brussell f'Ġunju 2026, minn konferenza li inkludiet ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti, u ġiet organizzata permezz tal-proġett Creative FLIP²¹ f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

Il-Boxxla Kulturali żżomm il-momentum fuq din il-prijorità, filwaqt li tipproponi l-iżvilupp ta' Karta tal-Artisti tal-UE fl-2027, f'kollaborazzjoni mas-sħab soċjali u mas-setturi kulturali u kreattivi. Il-Karta għandha "tiddeskrivi l-prinċipji fundamentali, il-gwida, u l-impenji għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-setturi, u żżid il-konformità u r-responsabbiltà, b'mod partikolari mir-riċevituri tal-finanzjament tal-UE għall-kultura". Il-Kummissjoni bdiet it-tnejn jiet fl-2026.

Skont l-istħarriġ fost l-Istati Membri, il-miżuri nazzjonali implimentati biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti jinkludu riformi legali (eż. abbozz ta' leġiżlazzjoni, emendi għal atti legali u skemi ġodda ta' protezzjoni soċjali jew ta' appoġġ ekonomiku) u għodod amministrattivi (eż. reġistru tal-artisti jew status ta' persuni kreattivi għal artisti li jaħdmu għal rashom u professjonisti freelance). Eżempju wieħed li jispikka huwa l-iskema ta' "introjtu bażiku għall-arti" tal-Irlanda, li issa saret permanenti.

2) Il-libertà artistika

Il-pjan ta' ħidma jirrikonoxxi l-libertà artistika bħala parti fundamentali mill-ħidma kulturali u rabta kritika bejn il-kultura u d-demokrazija. Il-libertà artistika issa qed tiffaċċja sfidi ġodda u dejjem aktar diffiċli. Il-Kunsill irrikonoxxa li huma meħtieġa sforzi konġunti madwar l-UE.

Taħt il-Presidenza Żvediża (l-ewwel nofs tal-2023), dawn il-prijoritajiet ġew avvanzati permezz ta' konferenza ta' livell għoli "Free to Create – European Union Conference on Artistic Freedom and Cultural and Creative Industries" (mis-16 sas-17 ta' Frar, Umeå, l-Iżvezja) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar artisti f'riskju u spostati (adottati fis-16 ta' Mejju). Il-konferenza tal-Presidenza laqqgħet flimkien l-istituzzjonijiet tal-UE, lis-soċjetà ċivili u lir-rappreżentanti tas-settur artistiku biex jiddiskutu l-libertà tal-ħolqien. It-temi ewlenin inkludew l-espressjoni ħielsa, l-esklużjoni mill-arti, l-artisti spostati u l-artisti f'riskju, u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex is-setturi kulturali u kreattivi jirnexxu. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill affermaw ir-rwol kruċjali li l-artisti għandhom fil-ħajja, fl-iżvilupp u fir-reżiljenza tas-soċjetajiet u tal-individwi, u enfasizzaw il-ħtieġa li l-kreattività tiġi protetta minn theddid jew minn ksur li jpoġġi lill-artisti fil-periklu minħabba x-xogħol artistiku

¹⁹ [Mutual learning on inclusive social protection for artists and creative workers – European Commission](#)

²⁰ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażaġħ u l-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom](#)

²¹ [Finance, Learning, Innovation & Intellectual Property Rights for the CCSI](#)

tagħhom. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ipproponew miżuri prattiċi, inkluż “bliet ta’ rifuġju”, residenzi ta’ emerġenza u integrazzjoni fil-komunitajiet lokali.

Il-libertà artistika baqgħet fil-quċċata tal-ħidma tal-Kunsill dwar il-kultura fis-snin li għaddew:

- Taħt il-Presidenza Spanjola (2/2023), il-Ministri għall-Kultura tal-UE, li ltaqgħu b’mod informali, adottaw id-Dikjarazzjoni ta’ Cáceres²²;
- Skont il-Presidenza Belġjana (1/2024), it-tlestija tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media²³, filwaqt li ma taqax taħt il-mandat tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport (EYCS), kienet kisba sinifikanti b’implikazzjonijiet għal-libertà tal-espressjoni;
- Taħt il-Presidenza Ungeriża (2/2024), il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura²⁴, inklużi dispożizzjonijiet li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tal-libertà artistika;
- Taħt il-Presidenza Pollakka (1/2025), il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-appoġġ għal artisti u għal professjonisti kulturali u kreattivi żgħażaġh biex jibdeu il-karriera tagħhom²⁰;
- Taħt il-Presidenza Daniża (2/2025), il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rwol strateġiku tal-kultura, tal-wirt kulturali u tax-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u tar-reżiljenza demokratika²⁵.

Il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa tiegħu approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u tirrikonoxxi li l-libertà artistika hija fundamentali għal soċjetajiet demokratiċi b’saħħithom u għal Ewropa reżiljenti li ttiproteġi l-valuri tagħha. Azzjoni ewlenija taħt il-Boxxla hija t-tħabbira ta’ Rapport perijodiku ġdid dwar l-Istat tal-Kultura fl-UE, b’enfasi ddedikata fuq l-esperjenzi tal-artisti fir-rigward tal-libertà artistika. Il-Boxxla titlob ukoll li tiġi ssalvagwardjata l-libertà artistika permezz ta’ politiki u programmi kurrenti u futuri tal-UE, inkluż l-AgoraEU futura taħt il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE huma mħeġġa jiżguraw li l-politiki, l-oqfsa legali u l-prattiki amministrattivi tagħhom jappoġġaw il-ħolqien, l-espressjoni u ċ-ċirkolazzjoni artistiki liberi. It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija²⁶, adottata fl-istess jum bħall-Boxxla Kulturali, għandha l-għan li ttiproteġi u ttipromwovi d-demokrazija u r-reżiljenza tas-soċjetà fit-tul.

Fil-livell nazzjonali, skont l-istħarriġ, l-Istati Membri rrapportaw inizjattivi mhux leġiżlattivi bħala r-rispons primarju, inkluż konferenzi, strateġiji u salvagwardji għal-libertà tal-ħolqien fl-ipprogrammar pubbliku jew fil-finanzjament tal-kultura, kif ukoll programmi mmirati, bħal “Safe to Create” u appoġġ għal artisti f’riskju u dawk spostati fil-bliet.

3) L-istimular tat-trasformazzjoni diġitali tas-setturi kulturali u kreattivi

It-tranżizzjoni diġitali kompliet tkun tema ċentrali oħra fil-kooperazzjoni tal-politika kulturali tal-UE. Taħt il-Presidenza Belġjana, konferenza ta’ jumejn dwar it-Trasformazzjoni Diġitali tas-Setturi Kulturali u Kreattivi għamlet enfasi speċjali fuq l-involvement tal-udjenzi bbażat fuq id-data. Eżitu ewlieni kien il-Manifest ta’ Ghent²⁷, li wassal għall-istabbiliment tal-Forum Ewropew tal-Politika dwar l-Iżvilupp tal-Udjenza Mmexxi mid-Data fis-Setturi Kulturali u Kreattivi.

F’Mejju 2025, il-Kunsill adotta konklużjonijiet²⁸ li jappellaw għall-għoti tas-setgħa lis-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-iżvilupp tal-udjenza mmexxi mid-data, it-titjib tal-ħiliet, l-iskambju ta’ informazzjoni u qafas ta’ politika ta’ appoġġ.

Bħala segwitu, il-Forum ħareġ dokument ta’ politika f’Marzu 2026²⁹ li jindirizza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b’rakkomandazzjonijiet biex jissaħħaħ il-litteriżmu fil-qasam tad-data fis-setturi

²² [Cáceres Declaration](#)

²³ [Regolament \(UE\) 2024/1083](#)

²⁴ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura](#)

²⁵ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika](#)

²⁶ [JOIN\(2025\) 791 final](#)

²⁷ [The Ghent Manifesto](#)

²⁸ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-iżvilupp tal-udjenza mmexxi mid-data](#)

²⁹ [Naar datagedreven publieksonwikkeling in Europa | Departement Cultuur, Jeugd & Media](#)

kulturali u kreattivi kollha, jiġu żviluppati u implimentati metriċi standardizzati tal-udjenza u jiġu stabbiliti għodod biex jiġi ffaċilitat l-involvement tal-udjenzi bbażat fuq id-data.

Il-Boxxla Kulturali ssaħħaħ din il-prijorità billi ttipponi azzjonijiet biex jittejjbu l-għbir u l-analiżi tad-data (iċ-ċentru tad-data kulturali, ir-rapport dwar l-istat tal-kultura), jisfruttaw it-teknoloġija diġitali u l-IA fis-setturi u fl-industriji kulturali u kreattivi, u jiġi żviluppat ulterjorment l-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data għall-Wirt Kulturali. Diversi diskussjonijiet fost il-Ministri għall-kultura tal-UE, kemm f'laqgħat formali kif ukoll matul laqgħat informali organizzati mill-Presidenzi b'rotazzjoni, iffokaw fuq it-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari l-IA. Dan jinkludi l-laqgħa informali tal-Ministri għall-kultura f'Nikosija fl-1 u fit-2 ta' Ġunju, li ffokat fuq suġġetti li jinkludu d-drittijiet kulturali, il-kreattività u l-IA.

Fl-istħarriġ, l-Istati Membri primarjament elenkaw inizjattivi ta' finanzjament bħala eżempji ta' miżuri fil-livell nazzjonali implimentati matul il-perjodu tal-pjan ta' ħidma, b'diversi referenzi għall-fondi tal-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li appoġġaw it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tas-setturi kulturali u kreattivi. Qasam prominenti kien id-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali³⁰.

4) L-istimular tat-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi kulturali u kreattivi, b'enfasi speċifika fuq il-kriżi tal-enerġija

Fl-ewwel 6 xhur tal-2023, il-Presidenza Żvediża wettqet eżerċizzju ta' rendikont fi ħdan il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali (CAC) biex tivvaluta l-impatt tal-kriżi tal-enerġija fuq is-setturi kulturali u kreattivi. Is-sejbiet ġew miġbura fil-qosor f'nota tal-Presidenza³¹. Dan seħħ wara ż-żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-enerġija, li kellha, u għad għandha, implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għas-setturi kulturali u kreattivi, li biddlu l-istruttura tal-kostijiet tal-attivitajiet tagħhom. In-nota eżaminat il-wirt kulturali u r-rendiment fl-użu tal-enerġija, iddiskutiet id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD)³², u ġabret eżempji ta' miżuri ta' appoġġ tal-UE u tal-Istati Membri fl-ispirtu ta' kondivizzjoni tal-għarfien u ta' prattika tajba. F'Settembru 2023, id-djalogu strutturat "Voices of Culture" bejn il-Kummissjoni u s-setturi kulturali nġabar biex jiddiskuti kif dawn is-setturi jixprunaw it-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jinnavigaw il-kriżi tal-enerġija³³.

Il-grupp tal-MMK "L-istimular tat-tranżizzjoni ekoloġika tas-setturi kulturali u kreattivi, b'enfasi speċifika fuq il-kriżi tal-enerġija" beda l-ħidma tiegħu f'April 2024, kopresedut mill-Irlanda (l-Ambjent) u mill-Italja (il-Kultura). Il-grupp laqqa' flimkien 42 esperti minn 22 Stat Membru, kemm mill-Ministeri għall-kultura kif ukoll mill-Ministeri għall-Klima u għall-Ambjent. Dan segwa objettiv doppju: jiżdiedu l-prattiki u l-għodod tajbin mixhuda bi provi biex jiġu appoġġati l-isforzi ekoloġiċi tas-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol mhux rikonoxxut biżżejjed tal-kultura fl-iffaċilitar tal-bidliet fil-mentalità meħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika ġusta, inklużiva u ekwa. Il-ħidma tal-esperti bniet fuq rapporti preċedenti tal-MMK u fuq studji tal-UE, fuq l-għarfien esperti estern u fuq żewġ sħarriġiet iddedikati. Dan wassal għar-rapport "Creative shifts: Empowering culture for sustainable living", imħabbar f'Mondiacult Barcellona (Settembru 2025) u ppubblikat f'Diċembru 2025³⁴.

Ir-rapport juri kif is-setturi kulturali u kreattivi diġà qed iħallu impatt permezz tal-iffrankar tal-enerġija, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prattiki ċirkolari u l-mobbiltà sostenibbli. Dan jinkludi rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb l-użu ta' għodod u ta' data eżistenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat, jiżdiedu l-prattiki tajbin mixhuda bi provi, tiġi stimolata l-azzjoni permezz ta' politiki mmirati u appoġġ istituzzjonali, tissaħħaħ il-kondivizzjoni tal-għarfien madwar l-Ewropa u tiġi integrata aħjar il-kultura fl-istrateġiji klimatiċi nazzjonali u tal-UE. L-esperti tal-MMK qed ikomplu bl-isforzi ta' disseminazzjoni fil-livell nazzjonali biex jgħinu jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport jinformaw l-azzjoni politika. Il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa tenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà ambjentali permezz ta' perkorsi kreattivi bħala qasam ewlieni għall-azzjoni.

³⁰ [Recovery and Resilience Scoreboard – Thematic Analysis – Culture and Creative Industries.pdf](#)

³¹ [Stocktaking on the energy crisis – Final Presidency note 8649/23](#)

³² [UE/2024/1275](#)

³³ [Voices of culture brainstorming report: Culture and creative sectors and industries driving green transition and facing the energy crisis](#)

³⁴ [Creative shifts – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-EU](#)

Skont l-Istati Membri, dan l-MMK influwenza l-politika u l-prijoritajiet ta' finanzjament billi ispira skemi ta' finanzjament nazzjonali għal prattiki sostenibbli tas-setturi kulturali u kreattivi u kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' strateġiji klimatiki għall-istituzzjonijiet u l-wirt kulturali, u b'hekk saħħaħ ir-rwol tal-kultura fl-ilħuq tal-oġġettivi ambjentali.

5) It-tifjib tad-dimensjoni kulturali u kreattiva fis-settur Ewropew tal-logħob vidjo

Is-settur Ewropew tal-logħob vidjo kiseb rikonoxximent dejjem akbar għall-potenzjal kulturali u ekonomiku tiegħu, u dan wassal għal sforzi mmirati fil-livell tal-UE. Fl-2024, il-Kummissjoni organizzat erba' diskussjonijiet madwar mejda biex tesplora (i) ir-rilevanza ekonomika u kulturali tal-logħob, fl-industrija tal-logħob u lil hinn minnha; (ii) il-lakuni fil-ħiliet u fl-innovazzjoni fis-settur; (iii) il-ħtiġijiet ta' investiment u l-finanzjament disponibbli; u (iv) politiki/prattiki nazzjonali u reġjonali u apprendiment bejn il-pari. B'aktar minn 50 parteċipant mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, mill-akkademja u min-negozju, id-diskussjonijiet saħqu l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut ulterjorment il-valur kulturali u ekonomiku tal-logħob vidjo, li jittejjeb l-iżvilupp tal-ħiliet, li jiżiedu l-oportunitajiet għall-innovazzjoni teknoloġika, u li jissaħħu l-kollaborazzjonijiet pubbliċi-privati. Dan il-proċess għen lill-Kummissjoni tidentifika l-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-Istati Membri, u dan wassal għal konsultazzjonijiet sussegwenti rilevanti għas-settur. Informa wkoll l-istudju ewleni tas-suq tal-Kummissjoni dwar il-logħob vidjo³⁵ u ta għarfien utli dwar il-ħtiġijiet ta' politika tal-industrija.

F'Novembru 2023, il-Ministri għall-kultura adottaw il-konklużjonijiet tal-Kunsill³⁶, filwaqt li qablu li jsaħħu d-dimensjoni kulturali u kreattiva tas-settur tal-logħob vidjo fl-Ewropa u jirrikonoxxu l-potenzjal tiegħu li jitttrażmetti kontenut kulturali u r-rikkezza tal-ħolqien, tal-wirt u tal-istorja Ewropej.

Eżempji ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jagħtu spinta lis-settur tal-logħob vidjo jinkludu krediti tat-taxxa għal proġetti ta' logħob vidjo u skemi ta' finanzjament. Xi eżempji ta' dawn il-miżuri huma relatati ma' proġetti li jippromwovu l-wirt kulturali (mużewijiet, siti) u l-kollaborazzjoni transsettorjali bejn l-iżviluppaturi, id-disinjaturi u l-artisti tradizzjonali. Eżempji mhux relatati mal-finanzjament jinkludu r-rapportar parlamentari dwar il-politika tal-logħob vidjo u d-djalogu mar-rappreżentanti tal-industrija.

6) Ir-rendikont dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi

F'Mejju 2021, sena wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, taħt il-presidenza Portugiża, il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li ssottolinja l-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex dawn jiġu appoġġati fi żminijiet ta' kriżi u lil hinn. Ir-rendikont sussegwenti dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet twettaq mill-Presidenza Żvediża u minn dik Spanjola, bi skambju bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali tal-Kunsill f'Marzu 2023 u kontribut bil-miktub b'rispons għall-mistoqsijiet mill-Presidenza.

Matul il-kriżi, għotjiet imfassla apposta appoġġaw avvenimenti live, proġetti diġitali u freelancers madwar l-Ewropa. Sadanittant, proċessi ssimplifikati, bħal għajnuna mhux ripagabbli, portali ta' applikazzjoni diġitali u rekwiżiti ta' dokumentazzjoni mnaqqsa, għamlu l-finanzjament aktar aċċessibbli. Ewropa Kreattiva, pereżempju, irċieva żieda ta' 67 % fil-finanzjament, minn EUR 1,46 biljun għall-perjodu 2014-2020 għal EUR 2,44 biljun għall-2021-2027, biex jissaħħu l-isforzi ta' rkupru. L-inizjattivi nazzjonali komplew isaħħu r-reżiljenza permezz tal-istatuti tal-artisti li għandhom l-għan li jtejjbu l-protezzjonijiet tal-freelance, il-kumpens għall-qgħad, l-eżenzjonijiet mit-taxxa u l-moratorji fuq is-sigurtà soċjali. Il-mobbiltà ġiet iffaċilitata wkoll permezz ta' proċeduri tal-ivvjaġġar transfruntiera ssimplifikati u gwida dwar it-taxxa. L-istreaming ta' avvenimenti diġitali kien appoġġat jew inċentivat ukoll.

L-Istati Membri appoġġaw it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, kif ukoll ir-reżiljenza tas-setturi kulturali u kreattivi billi użaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-miżuri ewlenin adottati

³⁵ [The European media industry outlook – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

³⁶ [Council conclusions on enhancing the cultural and creative dimension of the European video games sector](#)

jinkludu riformi, pereżempju tal-istatus tal-artisti; investimenti f'aġġornamenti teknoloġiċi għat-teatri, għall-arkivji tal-mużewijiet u għal operatori kulturali oħra; appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali, għar-rinnovazzjonijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-bini kulturali, għall-prattiki ekoloġiċi u għall-bini tal-kapaċità. Barra minn hekk, xi Stati Membri ppjanaw azzjonijiet innovattivi biex jisfruttaw is-setgħa tal-kultura għall-koeżjoni u għall-benesseri soċjali³⁷. Għodod bħall-gwida ta' finanzjament CultureEU tal-Kummissjoni³⁸ tejbju t-trasparenza u l-aċċessibbiltà għall-finanzjament tal-UE. Il-Kummissjoni saħħet il-mobbiltà permezz ta' Culture Moves Europe³⁹ u opportunitajiet kondiviżi permezz ta' pjattaformi bħal CreativesUnite.

7) Ir-rendikont dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-iskambji interkulturali permezz tal-mobbiltà tal-artisti u tal-professjonisti kulturali u kreattivi, u permezz tal-multilingwiżmu fl-era diġitali

Sabiex isir rendikont tal-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE, il-Presidenza Pollakka nediet sħarriġ online biex tiġbor informazzjoni dwar il-miżuri rilevanti mill-2022.

Kważi l-Istati Membri kollha ddikjaraw li għandhom fis-seħħ skemi nazzjonali, bħal residenzi, għotjiet għall-ivvjaġġar u boroż ta' studju, bil-għan li jrawmu kollaborazzjonijiet globali fl-arti, fil-mużika u fil-letteratura. Fil-livell tal-UE, l-iskema Culture Moves Europe (iffinanzjata taħt Ewropa Kreattiva) saret għażla ta' mobbiltà ewlenija għall-artisti, bis-saħħa tas-sejħiet kontinwi aċċessibbli tagħha u l-enfasi fuq talent emerġenti. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jkomplu jippromwovu l-mobbiltà permezz ta' avvenimenti bejn il-pari u l-uffiċċji tal-Ewropa Kreattiva. Madankollu, għad hemm sfidi, inkluż nuqqas ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni frammentata, ostakli ekonomiċi, kumplessitajiet tal-viża, ostakli amministrattivi u lakuni fil-lingwa, li kollha kemm huma jirrikjedu soluzzjonijiet imfassla apposta. Id-dokument ta' rendikont iħeġġeġ sinerġiji aktar profondi bejn Erasmus+ u Ewropa Kreattiva, flimkien ma' sforzi biex jissaħħaħ il-multilingwiżmu permezz tal-edukazzjoni, għodod immexxija mill-IA bħall-eTranslation, u protezzjonijiet għal-lingwi minoritarji biex jiġu miġġielda d-differenzi diġitali.

4.2. Priorità (b) Kultura għan-nies: intejbu l-parteeċipazzjoni kulturali u r-rwol tal-kultura fis-soċjetà

8) Il-kultura u l-promozzjoni tad-demokrazija: lejn ċittadinanza kulturali fl-Ewropa

Sabiex twettaq din l-azzjoni, il-Kummissjoni nediet l-“Istudju dwar il-Kultura u d-Demokrazija u l-Apprendiment bejn il-Pari”. Dan jesplora kif l-iskejjel, l-artisti u l-organizzazzjonijiet kulturali jistgħu jikkollaboraw permezz tal-arti parteċipattiva u l-attivitajiet kulturali biex tissaħħaħ l-interazzjoni demokratika u ċivika taż-żgħażaġh.

Implimentat minn konsorzju ta' kuntratturi minn Ġunju 2025, il-proġett ta' 27 xahar għandu żewġ għanijiet ewlenin: l-ewwel, li jinġabar l-għarfien eżistenti dwar kollaborazzjonijiet effettivi bejn l-iskejjel u l-kultura fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jiġu identifikati modi prattiċi biex dawn jiġu appoġġati bħala għodod strateġiċi; it-tieni, biex dan l-għarfien u eżempji ta' prattika tajba jiġu kondiviżi ma' daww li jfasslu l-politika, mal-edukaturi, mal-professjonisti kreattivi u ma' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, filwaqt li jiġu informati l-politika u l-prattika madwar l-UE. Ir-riżultati se jinkludu studju li jiddistilla tagħlimiet ewlenin għall-politika u għall-prattika u kompendju ta' prattiki tajbin, mistennija f'nofs l-2026, segwiti minn erba' workshops ta' apprendiment bejn il-pari (sal-2027) għal daww li jfasslu l-politika dwar il-kultura u l-edukazzjoni. Manwal għall-prattikanti, bi gwida konkreta dwar kif għandhom jiġu stabbiliti u mmexxija tali kollaborazzjonijiet, flimkien ma' konferenza finali, se jikkonkludi x-xogħol.

³⁷ [Recovery and Resilience Facility Thematic analysis: Culture and Creative Industries](#)

³⁸ [Discover funding opportunities for the Cultural and Creative Sectors – Culture and Creativity](#)

³⁹ [Culture Moves Europe – Culture and Creativity](#)

Taħt il-Prezidenza Daniża, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq⁴⁰ li jistabbilixxu qafas komprensiv għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej u tar-reżiljenza demokratika permezz tal-kultura u tal-wirt kulturali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' sfidi ġeopolitiċi.

Madwar l-UE, il-kultura u d-demokrazija baqgħu prijorità ġenerali, bl-Istati Membri jimplimentaw diversi miżuri, bħall-kollaborazzjoni interministerjali li tistabbilixxi sinerġiji strutturali bejn l-iskejjel u l-istituzzjonijiet kulturali. L-istrateġiji kulturali nazzjonali issa qed jinkorporaw dejjem aktar is-suġġett, filwaqt li l-istituzzjonijiet ewlenin qed jippożizzjonaw mill-ġdid il-missjonijiet tagħhom biex irawmu d-diskors demokratiku. L-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni jikkomplementaw ulterjorment dawn l-isforzi

9) Il-kultura u s-saħħa

L-evidenza u r-rikonossiment dejjem akbar tar-rwol tal-kultura fit-tisħiħ tas-saħħa u tal-benesseri wasslu biex tingħata aktar attenzjoni fil-livell tal-UE għal din il-kollaborazzjoni transsettorjali vitali.

Fi Frar 2024, il-Grupp ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-Kultura u s-Saħħa beda l-ħidma tiegħu. Dan kien jinkludi rappreżentanti mill-ministeri għall-kultura, mill-ministeri għas-saħħa u mill-NGOs fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll esperti esterni, inkluż il-WHO. Bil-kompitu li jindirizza evidenza internazzjonali konvinċenti, il-grupp eżamina kif il-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali u kreattivi tappoġġa eżiti aħjar tas-saħħa u benessere mtejjeb fil-livell individwali, komunitarju u soċjetali, b'mod partikolari f'termini tal-promozzjoni tas-saħħa, tal-prevenzjoni tal-mard, tal-ġestjoni u tat-trattament tal-kundizzjonijiet tas-saħħa (inkluż is-saħħa fiżika u mentali), u tal-inklużjoni soċjali u tal-koeżjoni.

Din il-ħidma kisbet approvazzjoni ulterjuri fi tmiem l-2024, meta l-Kunsill, taħt il-Prezidenza Ungeriża, adotta konklużjonijiet dwar l-aċċess għall-kultura⁴¹, filwaqt li rrikonoxxa l-importanza tal-parteċipazzjoni kulturali għas-saħħa u għall-benesseri personali. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2025 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolesxenti fl-era diġitali⁴² ssottolinjaw l-importanza tal-parteċipazzjoni kulturali, tal-libreriji u taċ-ċentri kulturali biex jiġi promoss stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u jiġu pprovduti alternattivi għall-ħin quddiem l-iskrin.

Ir-rapport tal-grupp tal-MMK "Culture and Health: Time to Act"⁴³, tnieda mill-Kummissarju Glenn Micallef u Ernest Urtasun, il-Ministru Spanjol għall-Kultura, f'Mondiacult f'Barċellona fid-29 ta' Settembru 2025. Dan jipprovdi rakkomandazzjonijiet ta' politika għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet kulturali. Jipprevedi futur fejn kulħadd fl-Ewropa għandu aċċess għall-parteċipazzjoni kulturali u kreattiva bħala parti intrinsika mill-vjaġġ tas-saħħa tiegħu, li jwassal għal eżiti aħjar tas-saħħa u tal-benesseri u għal kwalità tal-ħajja aħjar għal kulħadd.

Is-sejbiet tar-rapport jenfasizzaw l-isfidi globali u settorjali – li jkopru s-saħħa, il-kultura u l-intersezzjoni tagħhom – filwaqt li jidentifikaw 21 opportunità għal kollaborazzjoni transsettorjali. Is-sejbiet huma murija minn diversi prattiki tajbin mill-Istati Membri kollha kif ukoll mill-kooperazzjoni Ewropea transfruntiera. Ir-riżultati tal-MMK intużaw b'mod wiesa' u servew bħala bażi ta' evidenza għall-integrazzjoni tal-kultura fil-politiki tas-saħħa, u dan għen biex jiġi leġittimizzat ir-rwol tal-kultura fil-benesseri u fil-prevenzjoni. Dan wassal għal eżiti konkreti, bħall-iżvilupp ta' programmi tal-arti fis-saħħa (inkluż il-preskrizzjoni kulturali u inizjattivi bbażati fl-isptarijiet), kooperazzjoni msaħħa bejn il-Ministeri għall-kultura u għas-saħħa, u wassal għall-inklużjoni tal-kultura fl-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa mentali. Is-suġġett irċieva appoġġ politiku ulterjuri mill-Ministri għall-kultura, għas-saħħa u mis-segretarji tal-Istat li jattendu l-laqgħat tal-MMK, u t-tnedija tar-rapport tal-MMK f'diversi pajjiżi.

⁴⁰ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol strateġiku tal-kultura, il-wirt kulturali u x-xogħlijiet awdjoviżivi biex jinżammu l-valuri Ewropej u r-reżiljenza demokratika](#)

⁴¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura](#)

⁴² [Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2025 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti fl-era diġitali](#)

⁴³ [Culture and health – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

Il-kultura għas-saħħa u għall-benesseri tibqa' prijorità fil-Boxxla Kulturali. Sal-2028, il-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' esperti u ta' punti ta' kuntatt nazzjonali, se tiżviluppa linji gwida tal-UE dwar il-kultura, is-saħħa u l-benesseri.

10) Il-bini ta' konnessjonijiet: it-tisħiħ tar-rwoli multipli tal-libreriji bħala gateways u trażmetturi ta' xogħlijiet kulturali, ħliet u valuri Ewropej

Fl-2023, grupp tal-MMK ingħata l-mandat li jeżamina kif isaħħa u jippromwovi r-rwoli multipli tal-libreriji pubbliċi u biex jifhem u jiddokumenta aħjar ir-rwoli kulturali, soċjetali u demokratiċi li l-libreriji għandhom fis-soċjetà. Il-ħidma bdiet fi Frar 2024, u għabt flimkien 36 esperti minn 25 Stat Membru tal-UE, b'kontribut minn pajjiżi mhux tal-UE inkluż in-Norveġja, it-Turkija, l-Iżlanda, il-Georgia, il-Moldova, l-Iżvizzera, l-Ukrajna u r-Renju Unit. Konferenza finali tal-Presidenza hija pplanjata lejn l-aħħar ta' Ottubru 2026, ospitata mill-Irlanda.

Ir-rapport li jirriżulta (ippjanat għall-pubblikazzjoni sa nofs l-2026) għandu l-għan li jistimula dibattitu madwar l-Ewropa kollha dwar l-ingranaġġ aħjar tal-potenzjal tal-libreriji biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà. Dan jibni konnessjonijiet bejn dawk li jfasslu l-politika u l-professjonisti tal-libreriji, u joffri gwida dwar it-trawwim tal-innovazzjoni, l-espansjoni tas-servizzi u t-tisħiħ tal-kontribut tal-libreriji għall-valuri Ewropej u għall-għanijiet tas-soċjetà. Dan juri eżempji tal-aħjar prattika ta' libreriji li jipprovdu soluzzjonijiet lokali għal għaxar sfidi tas-soċjetà, bl-użu ta' approċċ integrat allinjat mal-istrateġiji Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Fost ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, ir-rapport jidentifika sitt faċilitaturi ta' livell għoli li jagħmlu lill-libreriji pubbliċi reżiljenti għall-futur u jamplifikaw l-impatt tagħhom. Dan il-grupp tal-MMK ikkontribwixxa għat-tisħiħ tar-rikonoxximent tal-libreriji bħala infrastruttura soċjali u demokratika ewlenija.

Fl-14 u l-15 ta' Ottubru 2024, l-Ungerija ospitat konferenza tal-Presidenza bit-titolu "ReAlmaging public collections in the 21st century in light of technological developments", li esplorat suġġetti ewlenin, inkluż id-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi li jittrasformaw il-kollezzjonijiet pubbliċi. Fil-livell nazzjonali, skont l-istħarriġ imwettaq biex iwitti t-triq għal dan ir-rapport, l-Istati Membri ħadmu fuq il-liġijiet nazzjonali tal-libreriji jew fuq l-emendi li jespandu l-funzjonijiet tal-libreriji. Miżuri ta' finanzjament immirati – inkluż appoġġ taħt il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (b'mod partikolari taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) – iffokati fuq investimenti li jkopru l-modernizzazzjoni tan-networks tal-libreriji pubbliċi bħala ċentri kulturali, spazji pubbliċi inklużivi u programmi mmirati lejn udjenzi żgħażaġh u l-iskoperta tal-wirt.

Diversi programmi tal-UE appoġġaw proġetti rilevanti, kif enfasizzat fir-rapport "The multifaceted role of public libraries"⁴⁴.

11) Il-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh minn kontenut ta' ħsara fuq pjattaformi diġitali

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)⁴⁵ għandu l-għan li joħloq spazju diġitali aktar sikur għall-utenti kollha u jqiegħed il-protezzjoni tal-minorenni online fil-qalba tiegħu, u dan jirrikjedi li l-pjattaformi jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni fuq is-servizzi tagħhom. Bejn l-2023 u l-2026, il-Kummissjoni appoġġat l-implimentazzjoni tad-DSA permezz ta' diversi workshops u diskussjonijiet madwar mejda, inkluż (i) avveniment tal-partijiet ikkonċernati tad-DSA matul il-ġurnata kollha (Ġunju 2023), b'diversi workshops li jkopru l-protezzjoni tal-minorenni, biex jiġu diskussi l-prijoritajiet ta' implimentazzjoni qabel l-applikazzjoni sħiħa tad-DSA (minn Frar 2024); (ii) workshop tematiku tal-partijiet ikkonċernati dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju għal pjattaformi online kbar ħafna (April 2025); (iii) żewġ workshops ta' konsultazzjoni dwar it-tħejjija tal-linji gwida dwar il-protezzjoni tal-minorenni skont l-Artikolu 28 tad-DSA (Ottubru 2024 u Ġunju 2025), u dwar feedback minn gruppi fokali li jinvolvu lit-tfal f'seba' Stati Membri bl-appoġġ ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur; (iv) diskussjonijiet regolari online mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (2024-2026) biex titqajjem kuxjenza dwar id-DSA, u skambji ta' fehmiet dwar l-

⁴⁴ Programmi, bħal Ewropa Kreattiva, Orizzont Ewropa, ERASMUS+ jew il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF); [The multifaceted role of public libraries – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

⁴⁵ [UE/2022/2065](#)

iżviluppi fir-riċerka u l-analiżi tar-riskju fil-livell nazzjonali u fil-livell lokali; (v) diversi attivitajiet annwali skont l-istrateġija internet aħjar għat-tfal (BIK+)⁴⁶, b'enfasi fuq id-DSA.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD)⁴⁷ tistabbilixxi obbligi speċifiċi għas-settur għall-pjattaformi ta' video-sharing biex il-minorenni jiġu protetti minn kontenut awdjoviżiv ta' ħsara. L-evalwazzjoni tal-AVMSD li għaddejjja u r-rieżami li jmiss sat-tielet trimestru tal-2026 se jivvalutaw jekk ir-regoli kurrenti għall-protezzjoni tal-minorenni humiex adattati għall-iskop tagħhom, b'mod partikolari fl-ambjent online, u jindirizzaw in-nuqqasijiet potenzjali. Bħala parti minn dan il-proċess, ġew organizzati sejħa għall-evidenza u konsultazzjoni pubblika, kif ukoll laqgħat tal-partijiet ikkonċernati li jkopru wkoll tali protezzjoni tar-regoli dwar il-minorenni skont id-Direttiva.

L-istrateġija BIK+ u n-network taċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur fl-Istati Membri għad għandhom rwol ewlieni fl-għoti ta' pariri dwar is-sikurezza tat-tfal, l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh. Fl-2025, il-Forum annwali tal-Kummissjoni għal Internet Aktar Sikur immexxi miż-żgħażaġh iffoka fuq il-“Protezzjoni u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh fl-era diġitali” filwaqt li għabar aktar minn 800 persuna minn aktar minn 65 pajjiż. Kull Frar jimmarka l-“Jum għal Internet Aktar Sikur” b'attivitajiet li jsejnhu madwar id-dinja taħt l-islogan “Flimkien għal internet aħjar”. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE tal-2026 kontra l-bullying ċibernetiku⁴⁸ tfassal permezz ta' konsultazzjonijiet ma' aktar minn 400 parti kkonċernati u fehmiet miġbura minn 6 300 tifel u tifla. Sabiex jiġu kkoordinati l-isforzi fil-livell tal-UE, ġie organizzat skambju regolari ta' prattika tajba min-network ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur li fl-2025, flimkien mal-pjattaforma BIK, jilħaq aktar minn 46 miljun persuna fl-Ewropa u lil hinn. Diversi Stati Membri ffinanzjaw proġetti dwar internet sikur u l-litteriżmu fil-media.

12) L-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat fl-ambjent diġitali

Il-pjan ta' ħidma enfażizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew varjat online, li wassal lill-Kummissjoni biex tikkummissjona studju biex tifhem aħjar dan is-suġġett kumpless u dejjem aktar rilevanti.

L-istudju, ippubblikat fit-8 ta' April 2026⁴⁹ u li jiffoka primarjament fuq il-mużika u l-kotba, jidentifika l-opportunitajiet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni, bħaż-żieda fid-demokratizzazzjoni tal-kultura u l-aċċess għaliha. Jenfasizza wkoll l-isfidi ġenerali għax-xogħlijiet Ewropej biex jintlaħqu udjenzi lil hinn mill-fruntieri, inkluż silos lingwistiċi u l-lakuni fit-traduzzjoni, l-opaċità algoritmika u d-dominanza tal-pjattaformi. Fatturi oħra li jinfluwenzaw id-diversità jinkludu preġudizzji algoritmiċi, limitazzjonijiet tad-data, inugwaljanzi fil-promozzjoni u fil-konservazzjoni, lakuni fil-kapaċità u litteriżmu diġitali – aggravati miż-żieda fil-kontenut iġġenerat mill-IA. L-istudju jikkonkludi li huma meħtieġa sforzi konġunti biex jiġu sfruttati bis-sħiħ l-opportunitajiet ippreżentati mid-diġitalizzazzjoni, jiġu indirizzati l-iżbilanċi strutturali identifikati u tiġi sfruttata t-teknoloġija biex tittejjeb l-iskopribbiltà tax-xogħlijiet Ewropej.

Ir-rakkomandazzjonijiet, immirati lejn is-setturi kulturali, il-pjattaformi diġitali u dawk li jfasslu l-politika fil-livelli tal-UE u nazzjonali, jindirizzaw sitt oqsma ta' azzjoni strateġika: (i) it-trawwim tal-kollaborazzjoni u tal-governanza għal skopribbiltà ġusta; (ii) it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni tad-data u tal-għarfien dwarha; (iii) il-bini ta' kapaċità u għodod diġitali għall-kreaturi u għall-organizzazzjonijiet kulturali; (iv) il-miżuri ffokati fuq l-udjenza; (v) l-aċċellerazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni għall-iskopribbiltà; u (vi) it-tisħiħ tal-provvista tal-kontenut Ewropew: il-finanzjament, il-kurazzjoni, il-prominenza u t-trasparenza. L-istudju ġie ppreżentat f'konferenza ddedikata mal-partijiet ikkonċernati u mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi Brussell fl-20 ta' April 2026.

Wara l-pubblikazzjoni tal-istudju, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli tappoġġa l-investimenti dwar l-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali divers maħluq fl-Ewropa biex jitrawwem il-konsum tiegħu fl-UE u barra minnha, kif previst mill-Boxxla Kulturali.

⁴⁶ [Better Internet for Kids strategy \(BIK+\)](#)

⁴⁷ [UE/2018/1808](#)

⁴⁸ [COM\(2026\) 71 final](#)

⁴⁹ [Study on the discoverability of diverse European cultural content in the digital environment – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

4.3. Priorità (c) Kultura għall-pjaneta: nisfruttaw il-qawwa tal-kultura

13) L-istatistika kulturali – biex tinbena r-reżiljenza fil-kultura u permezz tagħha

Fl-2023, l-Eurostat stabbilixxa task force b'rappreżentanti mill-istituti tal-istatistika tal-Istati Membri tal-UE u membri osservaturi minn organizzazzjonijiet ewlenin magħżula biex jaġġornaw il-qafas statistiku tal-UE għall-istatistika dwar il-kultura. L-Istati Membri adottaw il-qafas rivedut fir-rebbiegħa tal-2026. Bi qbil mal-Istati Membri, l-Eurostat ħejja gwida aġġornata għall-istatistika dwar il-kultura, li tirrifletti l-qafas rivedut. Wara l-implimentazzjoni tiegħu, l-ewwel riżultati huma mistennija fl-2026, skont iż-żmien u l-ambitu tal-ġbir tad-data.

Dan il-qafas il-ġdid tal-UE dwar l-istatistika dwar il-kultura flimkien mar-reviżjoni tal-klassifikazzjonijiet uffiċjali rilevanti bħal NACE Rev. 2.1, se jippermetti lill-Eurostat jiddissemina data aktar akkurata, inkluż dwar l-impjiegi fis-setturi kulturali u kreattivi, biex tingħata stampa aktar ċara tal-qasam u tas-sotto-setturi differenti tiegħu. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma preċedenti, kif deskritt fil-Boxxla Kulturali, il-Kummissjoni se tiżviluppa ċentru tad-data kulturali tal-UE⁵⁰ biex tiġbor u tanalizza d-data kulturali, timmonitorja x-xejriet, u tiġbor flimkien l-aħjar prattiki.

Għall-perjodu tal-pjan ta' ħidma, ħafna Stati Membri rrapportaw progress fl-iżvilupp ta' indikaturi kulturali u sistemi tad-data.

14) Il-governanza kulturali

Fil-bidu tal-2026, il-Presidenza Ċiprijotta organizzat diversi “workshops online” ma' esperti bħala parti minn proċess ta' grupp ta' riflessjoni fejn l-għarfien mill-prattika, mir-riċerka u mit-tfassil tal-politika jista' jinqasam b'mod strutturat iżda informali. Dawn is-sessjonijiet bdew jespjoraw kif il-governanza kulturali tista' tindirizza r-realtajiet soċjetali u politiċi emerġenti kkaratterizzati mit-trasformazzjoni diġitali, mill-inċertezza ġeopolitika, mit-tranżizzjoni ambjentali u mid-domandi dejjem akbar għall-parteciġazzjoni demokratika. Il-konferenza finali, oriġinarjament skedata għall-bidu ta' Marzu 2026 f'Nikosija, sfortunatament ġiet ikkanċellata fi żmien qasir minħabba l-kriżi li kienet qed teskala fl-Iran.

15) L-azzjoni klimatika permezz tal-kultura, inkluż l-arti u l-wirt kulturali

Fis-17 ta' Settembru 2024, saret laqgħa informali mal-eks membri tal-grupp tal-MMK dwar “It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-wirt kulturali għat-tibdil fil-klima”. L-għanijiet tagħha kienu li (i) tqis l-iżviluppi tal-politika fil-livell nazzjonali li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport; (ii) tippreżenta eżempji addizzjonali tal-aħjar prattika mill-membri; u (iii) tiddiskuti azzjoni ulterjuri biex tiġi appoġġata d-disseminazzjoni tar-rapport u biex jiġi amplifikat l-impatt tiegħu.

Fil-livell tal-UE, riżultat tanġibbli ħafna tar-rapport huwa t-tneġġija ta' Sħubija Ewropea għall-Wirt Kulturali Reżiljenti (2026) iffinanzjata minn Orizzont Ewropa, waħda mill-20 azzjoni ewlenija fil-Boxxla Kulturali. Fuq livell internazzjonali, l-UE tinvolvi ruħha f'azzjoni klimatika bbażata fuq il-kultura bħala sieħeb tal-għarfien fil-Grupp ta' Ħbieb tal-Azzjoni Klimatika Bbażata fuq il-Kultura. Din hija koalizzjoni tal-Istati Membri tan-NU, tal-aġenziji intergovernattivi u tal-organizzazzjonijiet fi ħdan il-qafas tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima li għandha l-għan li tibni momentum politiku għar-rikonoxximent tar-rwol kritiku tal-kultura fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima.

Il-programm Ewropa Kreattiva appoġġa l-produzzjoni ta' għodod bħar-rapport Greening the Creative Europe Programme⁵¹ u Linji Gwida relatati dwar il-valutazzjoni tal-kwalità tal-aspetti ekoloġiċi fil-proġetti Ewropa Kreattiva (Kultura)⁵².

It-tweġibiet tal-istħarriġ tal-Istati Membri jindikaw miżuri differenti li qed jiġu implimentati dwar dan is-suġġett. Dawn jinkludu (i) l-inkorporazzjoni tal-wirt kulturali fi ħdan l-istrateġiji klimatiċi; (ii) il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika tal-wirt kulturali; (iii) l-inkorporazzjoni ta' kriterji ta'

⁵⁰ Id-data dwar is-settur awdjoviżiv se tkompli tiġi pprovduta mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew u mir-Rapport ta' Prospettiva tal-Media Ewropea tal-Kummissjoni.

⁵¹ [Greening the Creative Europe Programme – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

⁵² [Quality assessment of green aspects in Creative Europe projects \(Culture strand\) – Culture and Creativity](#)

sostenibbiltà f'għotjiet kulturali pubbliċi u (iv) il-finanzjament għall-prevenzjoni tal-ħsara klimatika lill-monumenti kulturali. Eżempji oħra ta' finanzjament jinvolvu (i) inizjattivi ġodda tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) li jorbtu l-interazzjoni taċ-ċittadini mal-iżvilupp lokali sostenibbli; (ii) l-inkorporazzjoni tal-wirt kulturali fl-istrateġiji ta' reżiljenza għall-klima; (iii) kalkulator tas-CO₂ għall-mużewijiet; kif ukoll (iv) l-involviment f'taħriġ, f'workshops u f'konferenzi internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u l-kultura.

16) L-ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp tal-MMK dwar l-investiment f'arkitettura u f'ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd (2021)⁵³ u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala aspetti ewlenin tal-inizjattiva tal-NEB (2021)⁵⁴, id-Diretturi Ewropej tal-Politiki tal-Arkitektura (EDAP) iltaqgħu taħt kull presidenza tal-Kunsill. Id-diskussjonijiet tagħhom iffokaw fuq inizjattivi biex jinkiseb ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd (inkluż għal dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi), filwaqt li jiġu esplorati sinerġiji man-network tal-NEB.

Il-laqgħat tal-EDAP u l-konferenzi Ewropej relatati dwar il-politiki arkitettoniċi indirizzaw suġġetti bħal (i) l-implimentazzjoni tal-politika (minn politika għal prattika); (ii) il-kwalità tal-akkomodazzjoni ta' għada (għajxien ta' kwalità fil-kontinwità tal-arkitektura); (iii) ir-restawr, ir-rinnovazzjoni u l-użu mill-ġdid adattat tal-wirt kulturali; u (iv) it-titjib fil-kompetizzjonijiet tal-arkitektura u l-akkwist pubbliku (kwalità spazjali permezz tal-akkwist pubbliku). Fil-laqgħa tal-EDAP tas-6 ta' Mejju 2026, kien hemm appoġġ wiesa' għat-tkomplija ta' skambju, ta' apprendiment bejn il-pari, u ta' dialogu ta' politika fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti skont il-pjan ta' ħidma li jmiss.

Bejn Lulju 2023 u Novembru 2024, inizjattiva ta' apprendiment bejn il-pari ffinanzjata minn Ewropa Kreattiva appoġġat lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ippjanar u fit-twettiq ta' politiki u proġetti arkitettoniċi ta' kwalità għolja. Dan iffaċilita l-iskambji bejn il-pari bejn il-bliet, ir-reġjuni, il-pajjiżi tal-UE u l-partijiet ikkonċernati ewlenin, b'iffukar fuq proċessi effettivi u prattika tajba. Dan ġie deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-NEB u ġie segwit għall-istedina tal-Kunsill biex jiġu pprovduti opportunitajiet għar-riċerka, għall-bini tal-kapaċitajiet u għall-apprendiment bejn il-pari⁵⁵. Imħabbra bħala waħda mill-azzjonijiet ewlenin fil-Boxxla Kulturali, f'Diċembru 2025, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni ġdida dwar il-futur tal-NEB⁵⁶ u proposta relatata għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill⁵⁷. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni fil-11 ta' Mejju 2026⁵⁸.

Il-miżuri tal-Istati Membri f'dan il-qasam – kif irrapportati fl-istħarriġ tal-pjan ta' ħidma – ikopru miżuri legali (bħal liġijiet li jistabbilixxu kriterji ta' kwalità għall-arkitektura), azzjonijiet ta' finanzjament (bħal inizjattivi ta' riġenerazzjoni tal-wirt urban, appoġġ għal proġetti ta' żvilupp tal-arkitektura u tad-disinn) u attivitajiet edukattivi u esperti.

17) Is-salvagwardja tal-wirt minn diżastri naturali u minn dawk ikkawżati mill-bniedem

Kriżijiet rikorrenti, minn kunflitti armati għal diżastri naturali, saħqu l-ħtieġa għal sforzi internazzjonali msaħħa biex jiġi ssalvagwardjat, restawrat u ppreservat il-wirt kulturali tal-pajjiżi.

Mill-2019, il-Kummissjoni ffinanzjat il-proġetti PROCULTHER (“Il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali mill-Konsegwenzi tad-Diżastri”) biex tappoġġa l-iżvilupp ta' duttrini pan-Ewropej speċjalment taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM)⁵⁹. L-inizjattiva mexxiet il-ħolqien ta'

⁵³ [Towards a shared culture of architecture – Report](#)

⁵⁴ [New European Bauhaus: beautiful, sustainable, together](#)

⁵⁵ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitektura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida](#)

⁵⁶ [Communication on the New European Bauhaus – New European Bauhaus](#)

⁵⁷ [Proposal for a Council Recommendation on the New European Bauhaus](#)

⁵⁸ [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida](#)

⁵⁹ Permezz tal-UCPM, il-Kummissjoni tista' tvara missjonijiet ta' konsulenza li jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar is-salvagwardja tal-wirt kulturali fi żminijiet ta' kriżi. Fuq talba, tista' tappoġġa wkoll l-evakwazzjoni tal-wirt kulturali mobbli f'riskju. Barra minn hekk, l-UCPM qed jistabbilixxi grupp ta' esperti b'għarfien espert speċjalizzat fil-protezzjoni tal-wirt kulturali.

modulu tal-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili⁶⁰, integrat il-protezzjoni tal-wirt kulturali fl-eżerċizzji tal-UE, u żviluppat metodoloġija dwar il-kombinament tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri mal-protezzjoni tal-wirt kulturali, inkluż permezz ta' approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha⁶¹.

B'mod komplementari, il-proġett iffinanzjat mill-UE "Enhancing capacities in Ukraine for cultural heritage first aid and recovery planning" (li tlesta f'Settembru 2024 u implimentat mill-ICCROM)⁶² ħarreġ 23 professjonist tal-wirt minn 11-il oblast (inkluż ħames reġjuni fuq il-front) biex jiġi stabbilit l-ewwel tim nazzjonali tal-Ukrajna ta' persuni li jagħtu l-ewwel għajna kulturali. Issa huwa mgħammar biex jivvaluta, itaffi u jnaqqas ir-riskji ta' diżastri u ta' kunflitti għat-tipi kollha ta' wirt, u jinsab ippreparat biex jirkupra u jissalvagwardja l-wirt imprezzabbli tan-nazzjon fl-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna.

Proġett ieħor, "Safeguarding Cultural Heritage from Disasters, Extreme Weather Events, and Complex Emergencies" (2024-2027)⁶³, huwa inizjattiva kaskata għall-iżvilupp tal-kapaċità mmirata lejn it-tisħiħ tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' diżastri u r-rispons f'każ ta' emerġenza f'siti u f'istituzzjonijiet ta' patrimonju. L-ewwel ċiklu ta' sessjonijiet ta' taħriġ ta' suċċess tlesta fl-2025, b'taħlita ta' sessjonijiet online u fuq il-post, segwit minn proġetti fuq il-post fil-pajjiżi ta' oriġini tal-parteċipanti fil-bidu tal-2026.

Il-konferenza "Safe cultural heritage – European challenges in times of war and crisis", organizzata taħt il-Preidenza Pollakka fi Krakovja mit-3 sal-4 ta' April 2025, enfasizzat ukoll l-importanza li jiġi ssalvagwardjat il-wirt kemm fiżikament kif ukoll b'mod diġitali fid-dawl tar-riskji dejjem akbar.

Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri żviluppaw strateġiji u pjanijiet nazzjonali għall-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri, metodoloġiji ta' valutazzjoni tal-ħsara, u applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għall-valutazzjoni tal-ħsara lill-wirt kulturali. Il-finanzjament ġie dirett lejn interventi, żvilupp tal-linji gwida u monitoraġġ tal-vulnerabbiltajiet klimatiki li jaffettwaw il-wirt kulturali. Il-proposti jinkludu soluzzjoni pan-Ewropea għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali diġitali fit-tul, bi grupp ta' ħidma li jimmappa s-settijiet ta' data dwar il-wirt u r-rekwiżiti transfruntiera.

18) L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-professionisti tal-wirt kulturali u l-awtoritajiet kompetenti għall-beni kulturali dwar il-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali

B'segwitu għall-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar ta' beni kulturali" ta' Diċembru 2022⁶⁴, f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni stabbilit Sottogrupp ta' Esperti dwar is-Suq tal-Arti⁶⁵ biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u d-diskussjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni, il-programmi u l-politiki relatati mal-protezzjoni u mal-kummerċ ta' beni kulturali fis-suq uniku, u biex trawwem il-kondiviżjoni ta' prattika tajba. Is-sottogrupp kellu r-raba' laqgħa tiegħu fi Brussell fid-29 ta' Jannar 2026.

Barra minn hekk, permezz tal-programm Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni ffinanzjat ħafna proġetti differenti li jiġġieldu t-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inkluż RITHMS⁶⁶, proġett ta' riċerka u innovazzjoni mmirat lejn it-tisħiħ tal-kapaċità operazzjonali tal-awtoritajiet tal-pulizija, tad-dwana u tal-fruntieri biex tiġi miġġielda n-natura organizzata u polikriminali tat-traffikar ta' beni kulturali. Dan ġie ppreżentat waqt avveniment dwar politiki futuri u l-aħjar prattiki, "Beyond restoration – the role of restorers and conservators in supporting law enforcement in combating the illicit trafficking of cultural goods"⁶⁷, li sar fi Brussell fl-4 ta' Diċembru 2024. L-avveniment esplora kif ir-restawraturi jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ġlieda kontra tali reati. Dan kien jinkludi panel ta'

⁶⁰ European Civil Protection Pool - European Civil Protection and Humanitarian Aid Operations

⁶¹ PROCULTHER-4ALL | UCP Knowledge Network

⁶² [Enhancing capacities in Ukraine for cultural heritage first aid and recovery planning – ICCROM](#)

⁶³ [READY track 1: Safeguarding Heritage Collections, Living Traditions and Practices in the face of Disasters, Extreme Weather Events and Complex Emergencies – ICCROM](#)

⁶⁴ [COM/2022/800 final](#)

⁶⁵ [Subgroup on Art Market - Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn](#)

⁶⁶ [RITHMS Project](#)

⁶⁷ [Beyond Restoration: RITHMS policies and best practices](#)

diskussjonijiet bejn l-esperti, workshop prattiku u diskussjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi kumplessi li jiffaċċjaw ir-restawraturi u l-konservaturi fil-ħidma tagħhom.

Fil-laqgħa informali tagħhom f'Nikosija, Ċipru mill-1 sat-2 ta' Ġunju 2026, il-Ministri għall-kultura tal-UE rrikonoxxew il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari l-IA, fit-tisħiħ tal-isforzi kontra t-traffikar ta' beni kulturali, b'mod partikolari fir-rigward tat-traċċabbiltà u d-diliġenza dovuta, u kkonfermaw l-importanza ta' involviment u kooperazzjoni kontinwi fost l-Istati Membri, inkluż fil-qafas tal-istandards u l-oqfsa regolatorji tal-UE u dawk internazzjonali.

It-tweġibiet tal-Istati Membri għall-istħarriġ imwettaq bi thejjiha għal dan ir-rapport enfasizzaw in-networking, is-sensibilizzazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-pulizija, id-dwana u l-ministeri. Huma kkonfermaw l-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti tal-UE dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali (ir-Regolament (UE) 2019/880 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1079). Huma semmew ukoll każijiet speċifiċi ta' kollaborazzjoni interistituzzjonali li rriżultaw fir-ritorn ta' oġġetti misruqa. Xi Stati Membri rrapportaw li kienu ffirmaw ftehimiet bilaterali dwar l-iskambju ta' informazzjoni, taħriġ konġunt għall-unitajiet tal-pulizija, u l-użu ta' għodod diġitali biex jittejjbu t-traċċabbiltà u n-notifiki intra-UE. L-attivitajiet ta' taħriġ f'dan il-perjodu inkludew taħriġ ipprovdut mit-Task Force tal-OSKE dwar il-Kriminalità fil-Qasam tal-Wirt Kulturali, workshops nazzjonali għall-uffiċjali tal-pulizija u tad-dwana, u workshop tal-UNESCO dwar il-bini tal-kapaċitajiet f'Varsavja u f'Chişinău li ffoka fuq il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' proprjetà kulturali Ukrena.

4.4. Priorità d) Il-kultura għal sħubijiet kokreattivi: insaħħu d-dimensjoni kulturali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE

19) Il-governanza tal-approċċ strateġiku tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali u l-qafas tagħhom

Ir-rwol tal-kultura u tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali (ICR) bħala assi strateġiku għall-influwenza globali tal-Ewropa kiseb rikonoxximent akbar. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri implimentaw sensiela ta' attivitajiet bħala parti mill-pjan ta' ħidma. L-esperti mill-ministeri għall-kultura u mill-ministeri responsabbli għar-relazzjonijiet esterni kkooperaw mill-qrib taħt l-MMK. Il-ħidma bdiet f'Mejju 2023 u laqqgħet flimkien madwar 33 espert minn 23 Stat Membru tal-UE, b'kontribut minn kelliema mistiedna interni u esterni. Il-grupp tal-MMK iltaqa' disa' darbiet u, bis-Slovenja u l-Lussemburgu jikkopresiedu l-grupp, ipproduċa rapport komprensiv b'rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-governanza tal-ICR tal-UE.

Dan ir-rapport jipprovdri ħarsa ġenerali lejn l-istat kurrenti tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE, ikopri diskussjonijiet u kontribuzzjonijiet ewlenin u jagħmel 65 rakkomandazzjoni. Diversi minn dawn jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja (SOM) dwar ir-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali – l-uniku forum fil-livell tal-UE fejn jistgħu jiltaqqugħu uffiċjali ta' livell għoli mill-ministeri għall-kultura u dawk responsabbli għar-relazzjonijiet esterni. B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jtejjbu l-kontinwità u l-allinjament tas-SOM ma' prioritajiet strateġiċi usa'. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma mistennija li jinformatu ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-UE dwar l-ICR, skedata għar-raba' trimestru tal-2027 taħt il-Boxxla Kulturali. Lil hinn minn dan, dawn joffru gwida prattika biex isaħħu d-diplomazija kulturali tal-UE u jtejjbu l-impatt internazzjonali tagħha, b'mod partikolari fl-ambjent ġeopolitiku volatili, li qed jinbidel malajr u mimli tensjoni tal-lum.

20) Il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u t-tisħiħ tas-CCS lokali fl-Ukrajna

Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni li għaddejjja tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni stabbiliet sottogrupp ta' esperti dwar "Is-salvagwardja tal-wirt kulturali fl-Ukrajna". Is-sottogrupp irrapporta lill-Grupp ta' Esperti dwar il-Wirt Kulturali (maħluq fl-2019 wara s-Sena Ewropea tal-Wirt kulturali 2018), u kien jikkonsisti minn 26 espert internazzjonali, inkluż sitta mill-Ukrajna. Bejn Ġunju 2023 u Diċembru 2024, il-grupp iltaqa' ħames darbiet. Ir-rakkomandazzjonijiet ippubblikati f'Novembru

2024 bl-Ingliš u bl-Ukren⁶⁸ jindirizzaw erba' oqsma ta' prijorità: (i) ir-rikonossiment tal-wirt kulturali; (ii) il-ġestjoni tar-riskju; (iii) id-dokumentazzjoni, il-monitoraġġ u l-ġbir tad-data; u (iv) l-irkupru tal-wirt kulturali. Il-parteċipazzjoni ta' livell għoli mill-awtoritajiet Ukreni, bid-deputati rappreżentanti ministerjali involuti fir-raba' u fil-ħames laqgħat, żgurat is-sjieda nazzjonali.

Filwaqt li tibni fuq l-immappjar tal-2022 tal-atturi kulturali u l-ħtiġijiet tagħhom – imwettaq wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna u d-deżinjazzjoni tal-Ukrajna bħala pajjiż kandidat uffiċjali tal-UE – fl-2024, il-Pjattaforma tar-Relazzjonijiet Kulturali organizzat attivitajiet (fuq talba tal-Kummissjoni). Allinjata mal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura, f'Jannar 2024, il-Kummissjoni nediet attività ddedikata ta' proġett biex tevalwa l-istat tas-setturi kulturali u kreattivi fl-Ukrajna, b'enfasi partikolari fuq l-integrazzjoni tal-UE u l-kontribut potenzjali tagħha għall-irkupru tal-Ukrajna fl-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna.

Sa mill-bidu ta' din il-gwerra, il-Programm Ewropa Kreattiva pprovda appoġġ sostanzjali lill-Ukrajna. Taħt it-taqsimha Kultura, tnedew żewġ sejħiet speċjali – EUR 5 miljun fl-2022 u EUR 7 miljun fl-2025 – biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi, il-professjonisti u l-artisti Ukreni fl-indirizzar tal-konsegwenzi li għaddejjin u futuri tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, kif ukoll il-preservazzjoni tal-wirt u l-prestazzjoni artistika kemm ġewwa kif ukoll barra l-Ukrajna, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet minn pajjiżi oħra tal-Ewropa Kreattiva. Lil hinn minn dawn is-sejħiet, l-organizzazzjonijiet Ukreni kisbu EUR 7,64 miljun permezz ta' azzjonijiet oħrajn tal-Ewropa Kreattiva sa mill-2022, inklużi Proġetti ta' Kooperazzjoni Ewropea u l-iskema "Circulation of European Literary Works". Barra minn hekk, Culture Moves Europe (2022-2025) tat aktar minn EUR 700 000 f'għotjiet ta' mobbiltà lil aktar minn 360 artist u professjonist kulturali Ukren.

Ġew ipprovduti diversi inizjattivi ta' appoġġ għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali tal-Ukrajna mill-Istati Membri kollha, primarjament permezz ta' finanzjament iżda wkoll permezz ta' kooperazzjoni teknika. Filwaqt li bniet fuq dawn l-isforzi, fil-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna f'Lulju 2025, il-Kummissjoni nediet l-Approċċ ta' Tim Ewropa (TEA) għall-Wirt Kulturali fl-Ukrajna. It-TEA issa jinkludi 76 azzjoni minn 24 Stat Membru⁶⁹ u mill-Kummissjoni, kif ukoll wegħdiet mill-Istati Membri lill-Fond għall-Wirt Kulturali tal-Ukrajna. Żviluppat minn Aliph fl-2025 fuq talba tal-Ukrajna, il-proċess irċieva appoġġ tekniku mill-Kummissjoni, inkluż permezz tal-"Case Studies on Cultural Heritage Funds in Europe", ippublikat f'Mejju 2025⁷⁰.

21) Ir-rwol tal-kultura u tal-professjonisti kulturali fil-promozzjoni u fid-difiża tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'kuntesti fraġli

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali u qafas għal azzjoni (adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fit-8 ta' April 2019)⁷¹ jirrikonossu l-ħtieġa għal approċċ trażversali għall-kultura, filwaqt li jimmiraw li jsaħħu l-effettività u l-impatt tal-politika barranija tal-UE billi jintegraw ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali fl-istrumenti tagħha. Huma jappellaw għal koordinazzjoni aħjar tal-politika bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet kulturali, inkluż żvilupp konġunt ta' strateġiji lokali mid-delegazzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni. Il-kooperazzjoni kulturali kompliet tippromwovi valuri komuni u d-diversità kulturali unika tal-Ewropa bħala pedament għall-influwenza globali tal-UE fid-dinja f'termini ta' sħubijiet ġusti, ugwali u fit-tul.

"Unity in Cultural Diversity: a workshop on artistic freedom, human rights and the role of international cultural relations in Europe and beyond" ġie organizzat fi Brussell f'Ġunju 2024 mill-Pjattaforma tar-Relazzjonijiet Kulturali fuq talba tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. L-importanza li tiġi appoġġata l-libertà artistika fl-ispażji li qed jiċċien, kif tiġi sfruttata d-diversità kulturali għad-djalogu u għar-reżiljenza, l-impatt tad-dinamika politika fuq ir-relazzjonijiet kulturali

⁶⁸ [Recommendations from the European Commission-led expert group on the safeguarding of cultural heritage in Ukraine - l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#)

⁶⁹ AT, BE, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SK, SE

⁷⁰ Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura u n-Network ta' Esperti Ewropew dwar il-Kultura, *Case studies on cultural heritage funds in Europe*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/1231060>

⁷¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali u qafas għal azzjoni](#)

internazzjonali, u l-kuntesti fraġli u l-implimentazzjoni tal-proġetti, ġew diskussi bejn 15-il kelliem mill-istituzzjonijiet tal-UE u minn rappreżentanti mill-Istati Membri u mis-soċjetà ċivili.

L-avveniment tal-Presidenza Slovena “Future Unlocked!” (mit-12 sal-15 ta’ Settembru 2021) involva d-diskussjoni tas-setturi kulturali u kreattivi bħala aġenti tal-bidla. Organizzat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, l-avveniment għaqad il-Konferenza ta’ Livell Għoli dwar il-Kultura fir-Relazzjonijiet Barranin, Creative Forum Ljubljana, is-Summit Ewropew dwar l-Industrija Kreattiva u laqgħa tal-uffiċjali għoljin dwar ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. L-ambitu ġeografiku inkluda wkoll il-Balkani tal-Punent, in-Nofsinhar tal-Mediterran u l-Afrika.

L-Istati Membri indirizzaw din il-kwistjoni l-aktar permezz ta’ inizjattivi ffinanzjati. Dawn jinkludu finanzjament għal proġetti kulturali ta’ NGOs li jinvolvu artisti eżiljati mir-Russja u mill-Belarużja, għotjiet għal artisti Ukreni, u programmi tal-kunsill tal-arti li jippromwovu l-libertà artistika, l-intraprenditorija kulturali u l-inklużjoni soċjali f’kuntesti fraġli, fost l-oħrajn.

5. INĦARSU ’L QUDDIEM: IL-PJAN TA’ ĦIDMA GĦALL-KULTURA LI JMISS

F’dan ix-xenarju (ġeo)politiku u globali li qed jinbidel malajr, il-kultura ħarġet bħala forza strateġika għal Ewropa demokratika, reżiljenti u kompetittiva, imsejsa fuq il-valuri kondiviżi, il-libertà artistika u d-drittijiet fundamentali tagħna. Madankollu, is-setturi kulturali u kreattivi jiffaċċjaw sfidi urġenti mill-IA u mit-tfikkil diġitali għall-instabbiltà ekonomika u għad-dinamika soċjali. L-Ewropa trid tagħtihom is-setgħa li jadattaw, jinnowaw u jirnexxu, u b’hekk tiżgura li jkunu lesti għall-futur.

Din il-viżjoni hija inkorporata fil-**Boxxla Kulturali għall-Ewropa tal-2025**, li permezz tagħha l-Kummissjoni stabbiliet qafas strateġiku ambizzjuż tal-UE għat-tfassil tal-politika. Il-Boxxla tistabbilixxi direzzjonijiet ewlenin biex tappoġġa u ssaħħa is-setturi kulturali u kreattivi u biex tintegra l-kultura fil-politiki kollha. Appoġġata minn azzjonijiet ewlenin konkreti – li ħafna minnhom diġà jinsabu għaddejjin – il-Boxxla tipprova pedament għal ambizzjoni politika fit-tul.

Filwaqt li tibni fuq dan u anke fuq il-kisbiet tal-pjanijiet ta’ ħidma għall-kultura, id-**Dikjarazzjoni Konġunta tal-2026 dwar “L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa”**⁷² hija ftehim politiku tripartitiku bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni. Din tħaddan impenji kondiviżi u prinċipji ta’ gwida għall-oqsma ta’ prijetà tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar il-kultura, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri. Approvata mit-tliet istituzzjonijiet kollha, din id-Dikjarazzjoni ssaħħa id-direzzjoni strateġika stabbilita mill-Boxxla u toffri punt ta’ referenza komuni għall-futur.

Il-pjan ta’ ħidma pluriennali li jmiss għall-kultura wara l-2026 issa joffri opportunità ewlenija biex din il-viżjoni kollettiva u l-konsensus politiku jissarrfu f’azzjonijiet immirati, li jħallu impatt u li huma marbutin biż-żmien. Billi jallinja mill-qrib mal-fondazzjoni strateġika l-għdida pprovduta mill-Boxxla u mid-Dikjarazzjoni Konġunta, il-pjan ta’ ħidma jista’ jkompli jsahħa il-koerenza tal-politika u jrawwem il-komplementarjetà ma’ inizjattivi eżistenti jew ippjanati. Billi jiffoka fuq **l-aktar temi urġenti u azzjonijiet konkreti li jistgħu jitwettqu**, il-pjan ta’ ħidma jista’ jixpruna kollaborazzjoni effettiva dwar il-kultura bejn l-Istati Membri fil-livell tal-UE.

Din il-fehma hija appoġġata mis-sejbiet tal-istħarriġ. Diversi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa għal pjan ta’ ħidma koerenti, komplementari u strutturat b’mod effiċjenti li jibni fuq il-kisbiet tal-passat. Għalhekk, għaċ-ċiklu li jmiss, il-Kummissjoni tirrakkomanda **approċċ aktar iffokat u orjentat lejn l-azzjoni**, filwaqt li jiġi evitat għadd eċċessiv ta’ suġġetti biex jiġi evitat li l-aġenda titgħabba żżejjed u tiġi żgurata implimentazzjoni fattibbli mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Il-metodi ta’ ħidma għandhom jiġu kkalibrati bir-reqqa skont is-suġġett u l-oġettiv inkwistjoni, bil-piż amministrattiv jinżamm f’livell minimu. L-Istati Membri esprimew tħassib simili u enfasizzaw il-ħtieġa għal enfasi u għal effiċjenza.

It-temi li l-Istati Membri jqisu l-aktar rilevanti għall-pjan ta’ ħidma futur jallinjaw fil-biċċa l-kbira tagħhom mal-prijoritajiet tal-Boxxla Kulturali u tad-Dikjarazzjoni Konġunta. It-tweġibiet enfasizzaw ukoll preferenza għall-kontinwità, filwaqt li adattaw l-enfasi biex tirrifletti l-isfidi kontemporanji. Il-prijoritajiet ewlenin għall-pjan ta’ ħidma li jmiss, li ġew artikolati wkoll mill-

⁷² Iffirmata fit-18 ta’ Ġunju 2026. ĠU C/2026/3440, 25.6. 2026, [EUR-Lex - C_202603440 - MT - EUR-Lex](#).

Ministri għall-kultura fid-dibattitu ta' orjentazzjoni tagħhom matul il-Kunsill tal-EYCS fit-12 ta' Mejju 2026, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- **L-IA u s-setturi kulturali u kreattivi**, minħabba r-rwol tal-IA fit-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, il-ħtieġa li tiġi bbilanċjata l-adozzjoni teknoloġika mal-preservazzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u d-drittijiet tal-kreaturi, kif ukoll l-implikazzjonijiet etiċi, legali u ta' trasparenza tal-IA għall-kultura. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni qed tħejji strateġija ddedikata għall-IA, ippjanata sabiex tiġi adottata fl-2027. Il-pjan ta' hídma li jmiss jipprovdi opportunità biex tiġi inkluża azzjoni komplementari biex jiġu ffaċilitati l-iskambji dwar inizzjattivi nazzjonali kif ukoll attivitajiet iddedikati biex jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet mill-istudju dwar l-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali Ewropew divers fl-ambjent diġitali, immirat lejn l-Istati Membri.
- **It-tħejjija għall-kriżijiet, is-sigurtà, ir-reżiljenza fil-kultura u permezz tagħha**, inkluż il-bini tal-paċi u l-protezzjoni u s-salvagwardja tal-wirt kulturali, huma dejjem aktar vitali. L-urġenza ta' dan is-suġġett hija aggravata mill-instabbiltà ġeopolitika u mill-kunflitti emerġenti, mit-tibdil fil-klima u mill-avvenimenti estremi tat-temp. Kif ikkonfermat ulterjorment mill-hídma ta' politika li għaddejjja taħt l-istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-preparatezza⁷³, li tidentifika l-wirt kulturali bħala waħda mid-19-il funzjoni vitali ewlenija tas-soċjetà, hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati u msaħħa mekkaniżmi ta' koordinazzjoni *ad hoc* fil-livelli lokali, reġjonali u tal-UE, flimkien ma' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni wiesgħa tas-soċjetà ċivili. Sabiex tavvanza dawn l-għanijiet, il-Kummissjoni tqis li hemm valur miżjud sinifikanti għall-pjan ta' hídma li jmiss f'li tiġi inkluża enfasi fuq it-tħejjija għar-riskju tal-wirt kulturali, f'li jiġu ssupplimentati l-isforzi tal-Istati Membri permezz ta' aktar koordinazzjoni u ta' aktar kondivizzjoni tal-għarfien espert, inkluż billi ssir kapitalizzazzjoni fuq it-tagħlimiet meħuda minn kuntesti ta' kunflitt u ta' kriżi, b'mod partikolari fl-Ukrajna. Sadanittant, il-kultura tibqa' essenzjali biex jitrawmu l-koeżjoni soċjali u r-reżiljenza, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-isfidi globali. Il-mezzi diġitali, bħall-preservazzjoni diġitali u d-diġitalizzazzjoni 3D, jista' jkollhom rwol importanti, filwaqt li l-iskambju interġenerazzjonali jista' jikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-wirt intanġibbli u tal-artiġjanat tradizzjonali.
- **L-aċċess għall-kultura u għall-wirt kulturali** jibqa' kruċjali, b'mod partikolari f'territorji mhux moqdi jin biżżejjed, għal persuni b'diżabbiltà, u għal komunitajiet żvantaġġati jew emarġinati. Dan jinvolvi t-tisħiħ tal-parteeipazzjoni kulturali u l-ingranaġġ tal-infrastruttura kulturali, bħal-libreriji, il-mużewijiet u ċ-ċentri kulturali, bħala spazji ta' prossimità għall-interazzjoni u għal magni ta' żvilupp lokali, reġjonali u territorjali. L-importanza ddokumentata sew tal-aċċess kulturali għall-parteeipazzjoni demokratika, kif ukoll il-benesseri individwali u tas-soċjetà, tiżgura li s-suġġett jibqa' fuq quddiem nett fl-aġenda. F'dan il-kuntest, sal-2028, il-Kummissjoni se tipproponi linji gwida tal-UE dwar il-kultura għas-saħħa u l-benesseri. Dan il-proċess se jirrikjedi interazzjoni u kollaborazzjoni b'saħħithom fost l-Istati Membri. Il-pjan ta' hídma li jmiss jista' jagħti kontribut sinifikanti għal dan. Barra minn hekk, biex jissaħħa l-aċċess taż-żgħażaġh għall-kultura u għall-wirt, hemm lok għall-kondivizzjoni tal-aħjar prattiki u għall-indirizzar tal-isfidi bejn l-Istati Membri relatati mal-iskemi ta' pass kulturali implimentati fil-livelli nazzjonali, reġjonali, lokali jew transfruntiera.
- **L-investiment strateġiku fil-kultura u għodod ta' finanzjament innovattivi** huma essenzjali biex tiġi estiża l-bażi tar-riżorsi tas-setturi kulturali u kreattivi u biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kultura fl-indirizzar tal-isfidi tal-lum u ta' għada. Strumenti bħal finanzjament imħallat, sħubijiet pubbliċi-privati, filantropija u inċentivi fiskali jistgħu jiġu esplorati u żviluppati ulterjorment. Il-kooperazzjoni futura fil-livell tal-UE skont il-pjan ta' hídma li jmiss jista' jkollha rwol ewlieni fl-għoti ta' gwida, fil-kondivizzjoni tal-għarfien u fl-iskambju ta' prattiki tajbin, b'mod partikolari minħabba d-diversi mudelli u esperjenzi ta' finanzjament nazzjonali. Dan l-iskambju jista' jkopri wkoll it-tagħlimiet meħuda mill-użu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-appoġġ tal-Politika ta' Koeżjoni (inkluż il-Fond Ewropew għall-

⁷³ [JOIN\(2025\) 130 final](#)

Iżvilupp Reġjonali) għall-kultura, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu ispirati investimenti kulturali futuri possibbli fil-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali proposti.

- **Is-salvagwardja tal-libertà artistika** kisbet prominenza fid-diskussjoni fil-livell tal-UE, b'konsensus dejjem jikber dwar ir-rwol kritiku tagħha f'soċjetajiet demokratiċi u miftuħa. Dan huwa rifless fil-ħidma tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kultura fir-reżiljenza demokratika skont il-pjan ta' ħidma kurrenti. Fl-UE, il-protezzjoni tal-libertà tal-artisti u tal-ħaddiema kulturali li jgħolqu mingħajr ċensura jew intimidazzjoni u li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet pubbliċi, hija responsabbiltà kollettiva. Il-pjan ta' ħidma li jmiss joffri opportunità biex wieħed jibni fuq dan il-progress, javvanza l-libertà artistika kemm bħala pedament tad-demokrazzi tagħna kif ukoll bħala kundizzjoni tax-xogħol fundamentali li tippermetti pajsaġġ kulturali b'saħħtu u divers.
- **It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol** għall-artisti u għall-professjonisti kulturali, flimkien mal-libertà tal-espressjoni artistika, jibqa' prijorità ewlenija li għandha tiġi riportata u żviluppata ulterjorment fil-pjan ta' ħidma li jmiss. Dan jippermetti li wieħed jibni fuq ir-riżultati diġà miksuba u jintegra l-għarfien mill-ħidma li għaddejjja taħt il-Boxxla Kulturali, b'mod partikolari r-Rapport dwar l-Istat tal-Kultura li ġej u l-Karta tal-Artisti tal-UE.
- **Ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE** jkomplu jirrappreżentaw qasam ewlieni għall-ħidma fil-livell tal-UE, b'ambitu biex jitrawmu l-koerenza, l-allinjament strateġiku u l-implimentazzjoni effettiva tal-kooperazzjoni kulturali mal-pajjiżi sħab. Kif enfasizzat mill-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni reċenti dwar is-suġġett, huma meħtieġa prijoritajiet ġeografiċi u tematiċi aktar ċari biex jiġu evitati approċċi frammentati bejn l-istrumenti u l-proġetti. Għall-pjan ta' ħidma li jmiss, l-ewwel pass jista' jkun studju komprensiv jew immappjar ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' sħubija eżistenti, b'enfasi fuq il-klawżoli kulturali tagħhom, flimkien ma' mekkaniżmi mtejbja għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Istati Membri. Dan jippermetti allinjament aktar strateġiku fin-negozjati futuri, filwaqt li jiżgura li d-dispożizzjonijiet kulturali jirriflettu kemm l-oġettivi tal-UE kif ukoll ir-realtajiet tal-interazzjoni tal-Istati Membri fil-pajjiżi sħab, filwaqt li jsaħħaħ l-impatt ta' dawn id-dispożizzjonijiet b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-grupp ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni li jfittex li jtejjeb il-kontinwità tal-Laqgħat tal-Uffiċjali Għolja u l-allinjament tagħhom ma' prijoritajiet strateġiċi usa'.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-pjan ta' ħidma li jmiss jista' **jikkonsolida l-progress u jsaħħaħ il-flussi ta' ħidma li għaddejjin, filwaqt li jindirizza l-prijoritajiet emerġenti b'mod flessibbli** u jevita t-tixrid jew id-duplikazzjoni tal-isforzi. Billi jikkollaboraw mill-qrib, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jibdlu l-prijoritajiet kondiviżi f'eżiti ta' politika tanġibbli u dejjiema kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

ANNEX: Stħarriġ dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2023-2026 – Analiżi tat-tweġibiet mill-Istati Membri tal-UE

ANNEX

Stħarriġ dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026

Metodoloġija

Bejn it-3 ta' Frar 2026 u d-19 ta' Marzu 2026 sar stħarriġ immirat tal-Istati Membri tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026. L-istħarriġ tqassam lis-27 Stat Membru kollha tal-UE, u waslu 26 tweġiba. Il-kwestjonarju tfassal biex jiġbor kemm evidenza kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva dwar il-valutazzjoni tal-Istati Membri tal-pjan ta' ħidma kurrenti, l-implimentazzjoni tiegħu, il-kontribut tiegħu għat-tfassil tal-politika nazzjonali, l-adekwatezza tal-metodi ta' ħidma tiegħu, kif ukoll il-prijoritajiet għal pjan ta' ħidma possibbli li jmiss fid-dawl tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa u l-abbozz tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar "L-Ewropa għall-Kultura – Il-Kultura għall-Ewropa".


Il-kwestjonarju ġabar flimkien mistoqsijiet bi tweġiba magħluqa u dawk bi tweġiba miftuħa. Dan inkluda mistoqsijiet ta' klassifikazzjoni bl-użu ta' skali b'erba' punti, mistoqsijiet iva/le, mistoqsijiet b'għażla multipla u spazji miftuħa riservati għal test li jippermettu lill-Istati Membri jispjegaw il-klassifikazzjonijiet, jipprovdu eżempji, u jistabbilixxu l-prijoritajiet f'aktar dettall. L-istħarriġ kopra ħames oqsma wesgħin: (i) valutazzjoni ġenerali tar-rilevanza u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma; (ii) il-kontribut tiegħu għall-iżvilupp tal-politika fl-Istati Membri fil-21 tema u azzjoni; (iii) valutazzjoni tal-metodi ta' ħidma, inkluż il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK), id-disseminazzjoni u l-arranġamenti ta' ħidma; (iv) riflessjonijiet dwar il-prijoritajiet għall-pjan ta' ħidma li jmiss, inkluż prijoritajiet tematiċi u settorjali possibbli; u (v) kummenti finali.

L-analiżi kkombinat rieżami deskrittiv tar-risponsi kwantitattivi ma' valutazzjoni tematika tal-materjal kwalitattiv. It-tweġibiet għall-mistoqsijiet bi tweġiba magħluqa ġew aggregati biex jiġu identifikati x-xejriet ġenerali fil-valutazzjonijiet u fil-preferenzi tal-Istati Membri. It-tweġibiet miftuħa ġew rieżaminati biex jiġu identifikati temi rikorrenti, eżempji illustrattivi u spjegazzjonijiet tal-klassifikazzjonijiet jew tal-prijoritajiet. Iċ-ċifri prodotti abbażi tad-data tal-istħarriġ huma ppreżentati f'dan l-anness.

Is-sejbiet preliminari mill-analiżi tal-istħarriġ ġew ippreżentati lill-Kumitat għall-Affarijiet Kulturali tal-Kunsill fi Brussell fis-27 ta' Marzu 2026, fejn l-Istati Membri kellhom opportunità li jipprovdu feedback dwar ir-riżultati inizjali. Dan il-feedback informa l-irfinar ulterjuri tal-analiżi ppreżentata f'dan ir-rapport.


Analiżi tat-tweġibiet mill-Istati Membri tal-UE

Ċart 1: Valutazzjoni ġenerali tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 u l-implimentazzjoni tiegħu (klassifikazzjoni tal-Istati Membri tad-dikjarazzjonijiet li ġejjin) (%)




Sors: Stħarriġ għall-Istati Membri dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026, data miġbura minn Panteia, 2026

Ċart 2: Kemm taħseb li huma xierqa l-metodi ta' ħidma li ġejjin biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-pjan ta' ħidma? (%)




Sors: Stħarriġ għall-Istati Membri dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026, data miġbura minn Panteia, 2026

Ċart 3: Kif tikklassifika d-dikjarazzjonijiet li ġejjin dwar l-arranġamenti tax-xogħol u l-aspetti ta' prestazzjoni fir-rigward tal-gruppi tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK)? (%)




Sors: Stħarriġ għall-Istati Membri dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026, data miġbura minn Panteia, 2026

Ċart 44: Taħseb li l-pjan ta' ħidma li jmiss tal-UE għandu jintroduċi diskussjonijiet dwar setturi kulturali u kreattivi speċifiċi? (%)



Sors: Stħarriġ għall-Istati Membri dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026, data miġbura minn Panteia, 2026

Ċart 55: Liema temi tipprijorizza fil-pjan ta' ħidma li jmiss?* (% magħżula)



(*) Nota: L-Istati Membri jistgħu jagħżlu sa ħames temi bħala prijorità

Sors: Stħarriġ għall-Istati Membri dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026, data miġbura minn Panteia, 2026